# Madonna Ta' Pinu

Sena XXIX Vol XI Nru. 145 April - Ġunju 2008




## 125 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna - Ħarġa Speċjali

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# *Madonna Ta' Pinu*

Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Maureen Attard, Esther Bajada, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187*  *Fax: 2156 2350*
*E-mail: theeditor@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2008:**

| | | |
|---|---|---|
| *Lokali* | Lm2.58 | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | Lm6.01 | **€ 14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | Lm7.30 | **€ 17.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera | |

*Sena XXVIII Vol X Nru. 145*
*April - Ġunju 2008*



**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Il-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu wara l-aħħar restawr - 4 ta' Ġunju 2008.

***Wara:*** Ritratti mill-Pellegrinaġġ Nazzjonali u mill-Pontifikal Solenni li sar fit-22 ta' Ġunju 2008.

***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Aquilina Dominic, Camilleri Lawrence, Cordina Photo Market.*

**disinn:** Joseph Xuereb, Dun Gerard Buhagiar

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219

© Copyright Ta' Pinu Publications 2008
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*

## *F'din il-Ħarġa...*

**1** Il-Kelma tar-Rettur
*Għożż din il-Ħarġa...*

**2** L-Instabilita` tal-Familja
*Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex*

**4** Preżenza ta' l-Ispirtu s-Santu
*Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof ta' Malta*

**9** Messaġġ tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI

**10** Simposju Marjan

**13** Restawr fil-Kappella

**14** Ftuħ tal-Kappella wara r-restawr

**15** Mons. Ġużeppi Portelli

**19** Inawgurazzjoni ta' żewġ proġetti

**20** Is-sala bl-opri ta' l-arti ta' Emvin Cremona

**22** Inawgurazzjoni ta' l-Orgni

**24** Ir-restawr tal-pitturi ta' Cremona

**26** Restawr sponsorjat mill-BOV

**28** L-Għanja tal-Merħba
*Poeżija ta' Ġorġ Pisani*

**30** Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni

**31** Konċelebrazzjoni f'Lejlet il-Festa

**33** Mixja ta' Talb u Mixja Aux Flambaux

**34** Min kienet Karmni Grima?

**37** Min kien Franġisk Portelli?

**39** Monument lil Franġisk Portelli

**40** Timbru speċjali mill-MaltaPost p.l.c.

## *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*

**Biex il-familji Maltin u Għawdxin jibqgħu jgħożżu l-prinċipji nsara u l-fedelta` ta' bejniethom taħt il-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu**




# Għożż din il-Ħarġa...

Għażiż qarrej/ja, issa li ċ-Ċelebrazzjonijiet li jfakkru il-125 sena mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu lil Karmni Grima u lil Franġisk Portelli kważi waslu fit-tmiem, ħsibna li nagħutkom rigal permezz ta' din il-ħarġa speċjali tar-rivista tagħna.

L-iskop ewlieni ta' din il-ħarġa mhux li jkollna miġbura fi ftit paġni dak kollu li ġara matul ix-xahar ta' Ġunju ta' din is-sena, iżda li din il-ħarġa sservi biex nibdew naħdmu flimkien. Din il-ħarġa trid isservi ta' pjanta għal ħajjitna. X'irrid ngħid?

Meta xterdet l-aħbar li mill-kwadru Ta' Pinu, il-Verġni Marija semmgħet leħinha lil żewġ persuni u bdew jiġu rreġistrati għadd ta' grazzji li ħarġu minn dan il-post qaddis, mijiet ta' persuni minn Malta u Għawdex bdew jiġu pellegrini fi ħdan il-Verġni Marija. Fi ħdanha eluf ta' nies sabu l-konsolazzjoni u s-sens ta' ħajjithom għaliex iltaqgħu ma' Ġesu`. Anzi, għamlu aktar minn hekk, ħasbu fina, li kellna niġu warajhom. Ħasbu biex jibnu Santwarju mill-isbaħ biex fih, jiena u inti, nistgħu bħalhom niltaqgħu mal-Mulej.

U aħna x'ser nagħmlu llum? Nibnu Santwarju ieħor, akbar u isbaħ! Le, mhux santwarju tal-ġebel dak li nixtieq li nibnu, iżda santwarju spiritwali, santwarju ħaj. Iva, għeżież, il-frott tal-festi jidher minn kemm aħna u l-familji tagħna ninbnew f'Tempju li fih jgħammar Alla.

Ħu f'idejk din ir-rivista, aqra b'attenzjoni l-messaġġi tar-Ragħajja Spiritwali tagħna, ifliħom sewwa u ibda poġġi fil-prattika dak li qalulek. Ma jistax ikun li tant diskorsi sbieħ u tajbin jibqgħu jaqgħu f'widnejn torox. Jeħtieġ li nagħtu widen aktar għal Kelma ta' Alla li ta' kuljum qed tiġi mgħoddija lilna permezz ta' l-Isqfijiet u s-saċerdoti tagħna. Karmni Grima u Franġisk Portelli mhux biss semgħu l-leħen, iżda għamlu dak li semgħu. L-istedina tas-salmista: *"Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu! La twebbsux qalbkom..."* (95, 7-8), hija dik tal-Verġni Marija f'Kana: *"Agħmlu kull ma jgħidilkom hu"* (Ġw 2, 5). Jeħtieġ li ma nħallux aktar ħin, jeħtieġ nieħdu aktar bis-serjeta` kliem il-Mulej.

F'din il-ħarġa ser issib tagħrif dwar l-Orgni li issa jimla bis-sbuħija tiegħu lis-Santwarju Nazzjonali tagħna, iżda issa jmiss li anke fil-familji tagħna jibda jindaqq u jinstema' aktar l-Innu ta' l-Imħabba: *"L-imħabba taf tistabar u tħenn,...m'hijiex għajjura, ma titkabbarx fuq l-oħrajn;... ma żżommx f'qalbha għad-deni, ...tifraħ bil-verita`, kollox temmen, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt" (1Kor 13, 8)*

Tistgħu tammiraw is-sbuħija tar-restawr tal-pitturi ta' Emvin Cremona, u dan biex ifakkruna li lkoll kemm aħna, ġejna maħluqa bħala xbieha ħajja ta' Alla. Iva wasal iż-żmien li nibdew nirrestawraw l-istil ta' ħajja li qed ngħixu, stil li forsi mhux dejjem jaqbel mat-twemmin tagħna.

Is-Santwarju Ta' Pinu, lest li jgħinek f'din il-mixja spiritwali, din hija l-missjoni tagħna, u għalhekk: "***Ejja inti wkoll, f'din id-dar għażiża tal-Verġni Marija u ħalliha tkun għalik: Omm, Għalliema u Gwida fil-mixja tiegħek lejn is-Sema!***" ◆

*D. Gerard Buhagiar*

# L-INSTABILITA` TAL-FAMILJA






***Omelija ta' Mons. Mario Grech Isqof ta' Għawdex waqt il-Pontifikal li sar wara t-Talb tas-Supplika fl-10.10 a.m.***

**Il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 2008**

Il-ġrajja ta' Kana titkellem dwar diffikulta' li nħolqot lil dik il-koppja u lil dik il-komunita` li kienet qed tagħmel festa: "M'għandhomx inbid," qalet Marija lil Ġesu`. Apparentement ħadd ma kien għadu ma nduna ħlief Marija u kienet problema eżistenti imma moħbija. Nafu li Ommna Marija, lil Franġisk Portelli ħallietlu messaġġ marbut mal-pjaga l-moħbija ta' Kristu li kellu frott is-salib. Permezz ta' Franġisk Portelli, Marija fakkritna f'dik il-pjaga l-moħbija li ftit jafu biha. Fi Kristu jien nilmaħ l-Iben ta' Alla li sar bniedem u tgħabba bid-diffikultajiet u l-problemi kollha tagħna, kemm bħala individwi u kemm bħala ġens uman. Kristu jġorr il-pjagi ta' l-umanlta`.

Kif napplikaw il-ġrajja ta' Kana għal ħajjitna? Il-fatt li ma kienx hemm inbid ħoloq diffikulta` dwar l-andament tal-ħajja ta' dik il-komunita`. Li ma kienx hemm inbid kien sejjer jisfratta dik il-festa u l-ferħ li kien hemm bejn il-miżżewġin u l-mistednin. Fi kliem ieħor in-nuqqas ta' nbid jirrifletti diffikultajiet ta' natura soċjali. Il-ġrajja ta' Kana tirrifletti wkoll li kien hemm diffikulta` spiritwali għax lil Kristu kienu għadhom ma għarfuhx. Kien l-intervent ta' Marija li wassal lil Kristu biex jagħmel '*l-ewwel sinjal biex juri s-sebħ tiegħu u d-dixxipli emmnu fiH*'.

Jien nara li anke fil-festa tas-soċjeta` tagħna, hemm din il-pjaga li għandha dawn iż-żewġ dimensjonijiet; id-dimensjoni soċjali u d-dimensjoni spiritwali. Ma nistgħux ngħidu li s-soċjeta` tagħna hija ħielsa mill-problemi u li m'għandniex diffikultajiet. Jeżistu diffikultajiet fl-ekonomija. Għandna ukoll diffikultajiet fil-qasam ta' l-edukazzjoni, u fil-qasam tas-saħħa. Għandna l-isfida tal-kriminalita`. Hemm diversi aspetti tal-ħajja soċjali li nixtiquhom aħjar. Jien ngħid li dawn m'humiex l-agħar pjaga li aħna għandna fis-soċjeta`. Fil-fehma tiegħi d-diffikulta' l-kbira hija l-instabilita` tal-familja. Il-problemi l-oħra kollha nistgħu naffrontawhom jekk il-familja tagħna tibqa' familja b'saħħitha. Ma nisgħux indaħħlu rasna fir-ramel u nħallu din il-pjaga moħbija għaliex ilkoll kemm aħna affettwati minnha. Ilkoll kemm aħna nistgħu nagħtu s-sehem tagħna biex il-pjaga tal-familja tfieq. Din hija riżultat ta' pjaga oħra, dik spiritwali. Forsi l-ewwel huwa meħtieġ li nfejjqu din il-pjaga, li hija ukoll moħbija, biex imbagħad nfejqu l-pjagi l-oħra.

X'inhi l-pjaga spiritwali? Li aħna, bħal qaddejja ta' Kana, għandna lil Kristu fostna imma għadna ma għarafniehx, jew forsi ma għarafniehx biżżejjed. Tant huwa hekk li dak li qal

Pawlu lill-Efesin fil-qari ta' llum, inħoss li ngħidu għal ġensna: "*Inwissikom quddiem il-Mulej, li ma ġġibux iktar ruħkom skond kif iġibu ruħhom il-pagani bil-bluha tagħhom. Il-fehma tagħhom hija mdallma, maqtugħa mill-ħajja ta' Alla, minħabba l-injuranza spiritwali li għandhom u minħabba l-ebusija ta' qalbhom*". Anke hawnhekk, aħna rridu nkunu kuraġġjużi biżżejjed li nħossu fina l-pjaga tal-ġisem, mhux dak fiżiku u soċjali, imma tal-Ġisem Mistiku li hija l-Knisja.

Quddiem din ir-realta`, u quddiem din il-pjaga moħbija, naħbtu naqtgħu qalbna u hawnhekk jien nara fejn jidħol it-tieni parti tal-messaġġ ta' Kana. Marija preżenti f'dik il-komunita` tintervieni u ssejjaħ lill-qaddejja u tgħidilhom: "*Agħmlu dak li jgħidilkom Kristu*". Hekk għamlu l-qaddejja u l-problema u l-pjaga ġiet solvuta. Hekk ukoll tgħid Marija lil din il-komunita` u lill-Poplu tagħna

Indur issa fuq il-messaġġ li l-Madonna ħalliet lil Karmni Grima li jixbaħ ħafna lil dak li qalet lill-qaddejja f'Kana. "*Ejja*" f'dan is-Santwarju ħalli hawnhekk inti tiltaqa' ma' Kristu u jekk temmen li Kristu huwa tassew l-Iben ta' Alla u toqgħod għall-Kelma tiegħu, għandu l-qawwa li jfejjaq il-ġrieħi u l-problemi, kemm dawk ta' natura spiritwali kif ukoll dawk ta' natura soċjali. Irridu aħna nemmnu li l-Vanġelu huwa ħmira li tibdel mhux biss il-ħajja interjuri tagħna, imma l-ħajja soċjali tagħna. Dan huwa kontribut kbir li tista' tagħti l-Knisja u l-kontribut li tagħti int li temmen fi Kristu.

Għalkemm din hija r-realta` tagħna llum, aħna ma naqtgħux qalbna għax mimlijin bit-tama u għaliex għandna Omm li kif interveniet biex issalva lill-familja u lill-kommunita` ta' Kana, hekk ukoll tagħmel magħna jekk aħna nħalluha tgħidilna dak li qalet lil Karmni Grima: "*Ejja.. Ejja għandi ħalli jien nwasslek għand Ġesu`*". Agħmel dak li jgħidlek Ġesu`. Irbaħ dik l-injoranza li jitkellem dwarha San Pawl fl-ittra lill-Efesin ħalli l-fehma tiegħek tiddawwal minn Kristu li huwa d-dawl u hekk il-ħajja tagħna ma tkunx maqtugħa minn Alla minħabba l-injoranza spiritwali. Ħalli qlubna ma jkunux tant iebsa quddiem is-sejħa li qed jagħmlilna l-Mulej permezz ta' Ommu Marija.

Meta qegħdin nfakkru l-mija u ħamsa u għoxrin sena minn meta bħal-lum u f'dawn il-mumenti seħħet waħda minn dawn il-komunikazzjonijiet, ejjew nitolbu lill-Verġni Marija ħalli tgħinna biex inkunu tassew Knisja Marjana. U ngħid *tassew* għaliex id-devozzjoni tagħna trid tkun awtentika.. Kif inkunu nafu jekk id-devozzjoni tagħna lejn Marija hijiex awtentika jew le? Jekk dan kollu lilna jwassalna għand Kristu u jekk inħallu lilu jagħtina permezz tal-kelma tiegħu, dik il-mediċina li tfejjaq il-pjagi u l-problemi kollha tagħna. ♦









*Ritratti mill-Pontifikal li sar filgħodu fis-Santwarju*

# PREŻENZA TA' L-ISPIRTU S-SANTU







***Omelija ta' Mons. Pawlu Cremona OP Arċisqof ta' Malta waqt il-Pontifikal li sar filgħaxija quddiem is-Santwarju***

**Il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 2008**

Aħna llum, flimkien, insara miż-żewġ djoċesijiet ta' Malta u Għawdex, ġejna pellegrinaġġ lejn dan is-Santwarju Nazzjonali.

Aħna ġejna għaliex ħassejna li għandna nfakkru b'radd ta' ħajr u bi stagħġib dak li ġara mija u ħamsa u għoxrin sena ilu; il-ġrajja ta' meta Sidtna Marija tat esperjenza spiritwali għal Karmni Grima, esperjenza li ma kellhiex tinagħlaq fiha imma esperjenza li kienet għal dak li kienu fi żmienha, dak iż-żmien, u għalina llum li qegħdin niċċelebraw dan l-anniversarju.

**Żewġ realtajiet**

X'qed niċċelebraw illum f'dan il-post? Qed niċċelebraw żewġ realtajiet:

L-ewwel waħda, li tmur għall-ħmistax-il-seklu, hija meta l-insara ta' dawn l-inħawi ħassew li l-fidi tagħhom għandhom jagħtuha aktar stabbilita`, xi ħaġa li tidher, xi ħaġa li tgħaqqadhom, u bnew il-Kappella ta' Pinu. Aħna llum qegħdin niċċelebraw ukoll l-istabbilita` li fittxet din il-komunita` nisranija. Naħseb nistgħu ngħiduha, għaliex waħda mit-tentazzjonijiet tagħna llum hi li aħna, minflok l-istabbilita` tal-Knisja qed infittxu l-instabbilita` tas-sentimenti tagħna. 'Għax jien ma niġix il-Knisja; meta nħoss.' Instabbilita` tal-fidi skond is-sentimenti u l-burdati tagħna.

It-tieni avveniment li aħna qegħdin niċċelebraw illum huwa dak li ġara 125 sena ilu meta Karmni Grima, xebba ta' 45 sena, kienet ġejja lura mir-raba - kellhom ir-raba f'dawn l-inħawi - u hija tisma' vuċi li kienet tgħid: "Ejja Ejja". Allura daħlet f'din il-Kappella u fiha reġgħet semgħet xi ħaġa li kompliet din l-ewwel sejħa.

Dak li semgħet kien biex tgħid tliet 'Ave Marijiet', u tgħaqqadhom mal-misteru tal-kwalita` tal-mewt u tat-tlugħ fis-sema ta' Sidtna Marija. Kien invit biex tidħol aktar fil-profond, u aħna flimkien magħha, għal Sidtna Marija, li bid-don speċjali li hija mnissla bla tebgħa ma kellhiex bżonn tgħaddi mit-tisfija tal-mewt - li minħabba fiha d-dnub tagħna jsir xejn, xi ħaġa li huwa magħqud mal-ġisem tagħna - imma li Alla l-Imbierek seta' jtellagħha direttament ħdejh, fl-eternita`.

Dan it-tieni avveniment jagħtina dawl ieħor, għaliex wara li aħna nsibu l-istabbilita` tal-fidi, meta aħna nibnu tempju fejn nistgħu naduraw, Alla l-Imbierek ma jieħux gost billi

aħna nibnulu t-tempju biss, imma dak it-tempju jrid ikun magħqud flimkien ma' mixja spiritwali li l-persuni f'kull żmien jagħmlu biex huma jsiru t-tempju, permezz ta' dan it-tempju li jinbena.

Hija t-tieni tentazzjoni li jista' jkollna anki f'dan iż-żmien, li aħna nifirħu għax għandna ħafna tempju sbieħ, bit-tentazzjoni u l-possibbilta` li aħna nħalluhom isiru postijiet ta' mużew, għaliex ma nkunux qed nibnu lilna nfusna f'dik li hija r-realta` spiritwali li għaliha, fuq kollox, dawn il-postijiet, it-tempji jkunu nbnew.

Allura aħna qegħdin flimkien niċċelebraw dawn iż-żewġ realtajiet, bħala realtajiet ta' dawn iż-żewġ djoċesijiet li llum ingħaqadna hawnhekk.

**L-'iva' ta' Sidtna Marija**

X'inhi t-tifsira ta' dawn il-ġrajjiet li aħna qegħdin niċċelebraw illum?

Naħseb li ndunajtu li minflok salm responsorjali llum kantajna l-'Magnificat', dak l-innu ta' tifħir li Sidtna Marija qalet meta hija ltaqgħet ma' Eliżabetta.

Aħna smajna l-kliem, "*Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej għax għamel miegħi ħwejjeġ kbar*". Ovvjament, l-ewwel ħaġa li tiġina f'rasna hija li permezz ta' Sidtna Marija, l-Iben ta' Alla sar Bniedem. Hija ovvja li l-ewwel 'iva' li qalet, "*Jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek*", hemmhekk ta l-bidu biex l-Iben ta' Alla jsir bniedem bħalna. Imma b'mod speċjali fit-tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II, insibu li dik l-'iva' ta' Sidtna Marija kienet ħafna iktar, għaliex fetħet it-triq għall-misteri kollha li mbagħad ħarġu mill-ħajja ta' Sidna Ġesu` Kristu. Meta Marija qalet 'iva', u allura l-Iben ta' Alla sar bniedem fil-ġuf tagħha, tat il-bidu għall-Ewkaristija, għax mingħajr dik l-'iva' tagħha aħna llum kieku m'għandniex Ewkaristija. U l-'iva' tagħha, jgħidilna l-Papa Ġwanni Pawlu II, kienet it-triq mhux biss biex l-Iben ta' Alla jsir bniedem, imma wkoll biex l-Ispirtu s-Santu jidħol fid-dinja. Fil-fatt, f'dak il-mument stess, Sidtna Marija beda jkollha esperjenzi li tiltaqa' ma' l-Ispirtu s-Santu: meta tmur għand Eliżabetta, meta tmur għand Xmun, ilkoll ispirati mill-Ispirtu Santu.

Din għandha tifsira profonda. Għaliex l-Ispirtu s-Santu li rċeviet Sidtna Marija meta qalet 'iva' biex permezz tagħha jitwieled Sidna Ġesu` Kristu, kienet l-'iva' biex l-Ispirtu s-Santu jidħol ġewwa fiha u permezz tagħha jiġi fid-dinja, meta Alla l-Imbierek bagħat l-Ispirtu s-Santu, fil-Pentekoste, u allura saret il-Knisja.











*Ritratti mill-Pellegrinaġġ u l-Pontifikal li sar filgħaxija*










Allura Sidtna Marija, meta qalet 'iva', saret ukoll omm il-ġisem mistiku ta' Kristu. Dan narawh għaliex anki wara li lil Sidna Ġesu` Kristu ratu jmut fuq is-salib, aħna naraw lil Sidtna Marija qegħda ma' l-Appostli jitolbu għall-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu li biha twieldet il-Knisja, fil-Pentekoste.

Mela dawn il-ġrajjiet li aħna qegħdin niċċelebraw illum jagħmlu ħafna sens, għax jidħlu f'parti mill-missjoni ta' Sidtna Marija meta qalet 'iva' mhux biss biex tkun Omm Sidna Ġesu` Kristu, imma tkun Omm il-Knisja. Hawnhekk kienet qed tkompli l-missjoni tagħha.

Aħna rridu nidħlu aktar fil-fond fil-misteru ta' Sidna Ġesu` Kristu. Għaliex kultant, meta nisimgħu l-Vanġelu, aħna ningħalqu f'dak li nkunu qed nisimgħu li ġara elfejn sena ilu. Irridu nifhmu li anki dan, mhux biżżejjed.

Ħa nipprova nispjega. Li ġara elfejn sena ilu kien li l-Iben ta' Alla sar bniedem. Minħabba li sar bniedem, l-esperjenza umana tiegħu kellha tkun bilfors limitata, bħalma hi tagħna, għal post u żmien. Jiġifieri, l-esperjenza fiżika tiegħu setgħu jgawduha biss dawk li kienu jgħixu fi żmienu u fil-post fejn kien jgħix hu. Il-qawwa ta' dawk il-ġrajjiet kienet universali f'kull post u f'kull żmien u allura influwenzat mhux biss lil dawk li ġew wara, imma anki lil dawk li ġew qabel għax kienet fuq iż-żmien. Dan għaliex dak li kien qiegħed jgħixhom kien l-Iben ta' Alla, fid-divinita` tiegħu, li sar bniedem, u allura kellhom valur universali li jiżboq kull żmien u kull post.

Imma dan ma kienx biżżejjed, għaliex Alla l-Imbierek ried li anki aħna, f'kull post u f'kull żmien, dak li għamel Sidna Ġesu` Kristu darba, ikun jista' jerġa' jitwettaq għall-ġid ta' kull komunita` partikolari f'kull żmien u f'kull post, li tiltaqa' f'ismu. Din hija l-Knisja. Il-Knisja hija dik li, dak li Sidna Ġesu` Kristu għamel elfejn sena ilu, ikun jista' jingħix f'kull komunita` llum - għalija u għalik. U ssir tagħna. Ma tibqax xi ħaġa li ġrat fi żmien fil-passat.

Allura kemm hu sabiħ li aħna, dawn il-ġrajjiet, indaħħluhom proprju f'din il-missjoni ta' Sidtna Marija li hi, f'kull żmien u f'kull post, terġa' ddaħħalna f'dan il-Misteru, biex issa l-esperjenza ta' Marija ta' elfejn sena ilu ssir tagħna llum f'dan il-post.

Dak li Sidtna Marija għamlet snin ilu f'dan il-post, illum, permezz tal-Knisja, qed ikun tagħna għax qed jiġi mġedded. Dan huwa l-misteru li aħna qegħdin niċċelebraw illum.

**Marija u l-miraklu f'Kana**

X'inhi r-realta` ta' dan l-intervent ta' Sidtna Marija fl-istorja tagħna?



Naħseb li l-Vanġelu li ġie magħżul illum, tat-Tieġ ta' Kana, jagħtina dawl biex nistgħu nifhmuh aħjar. L-ewwel ħaġa li tolqtok hi, li wara li jissemma' li kien hemm tieġ fil-Kana tal-Galilija, l-ewwel li tissemma' hi Sidtna Marija; hi kienet mistiedna. Mela hi kienet il-mistiedna prinċipali. Imbagħad, flimkien magħha, kien hemm Sidna Ġesu` Kristu, Binha, flimkien - naħseb, ma nafx jekk tagħmilx sens, imma għalija bdiet tagħmel sens - flimkien mad-dixxipli.

Nagħmel mistoqsija: Jista' jkun li dwar Ġesu`, dawk iż-żewġ għarajjes, ladarba stiednu lil ommu l-ewwel imbagħad lilu, kienu jafu li kien hemm dawk id-dixxipli madwaru u allura stidnuh bħala rabbi, bħala mgħallem, bħala xi ħadd li beda jiġbor in-nies madwaru? Ma nafx; jista' jkun.



Imbagħad ikun hemm Sidtna Marija, li tingħata l-privileġġ li tkun hi li twassal lil Ġesu` biex jara x'kien qed jiġri u mbagħad iwettaq l-ewwel miraklu tiegħu. Dan bis-sensittivita` tagħha, li Alla l-Imbierek taha f'persuna mingħajr dnub; ħalliha tinduna qablu bil-bżonn ta' dawn iż-żewġ għarajjes.

L-episodju jkompli meta Sidtna Marija, li kienet taf li Ġesu` se jisma' minn dak li tgħidlu hi, tgħid lill-qaddejja: "Agħmlu dak li jgħidilkom hu". Imbagħad l-għarajjes stagħġbu wkoll għax qalulhom: 'Isma', il-problema spiċċat, għax issa għandna nbid biżżejjed'. Nazzarda nemmen li dawk l-għarajjes bdew jistaqsu min kien dak li għamel il-miraklu, saru jafu li kien Ġesu`, u saru dixxipli tiegħu; u l-opra tal-Madonna kienet sħiħa. Minn miraklu wasslet lil dawk iż-żewġ għarrajjes biex huma jsiru jafu lil Binha Ġesu`. Dik kienet ir-rieda sħiħa ta' Sidtna Marija.



## Ir-rwol tagħna

F'dan id-dawl, x'inhu r-rwol tagħna?

Naħseb li minn dan ir-rakkont għandna tliet rwoli differenti: aħna llum nirringrazzjaw lill-Mulej għal dawk il-ħafna pellegrini li, f'dawn il-125 sena, ġew f'dan il-post u, bħall-għarajjes ta' Kana, ġew ifittxu l-faraġ fil-problemi tagħhom u sabu l-faraġ. Din hija l-ewwel mod kif aħna ngħixu r-realta` li qegħdin infakkru llum.



It-tieni, aħna llum nixtiequ nirringrazzjaw lill-Mulej għal dawk li tul dawn il-125 sena ġew hawnhekk u semgħu l-kelma ta' Sidtna Marija: "Agħmlu dak li jgħidilkom hu". Ġew iffitxu lil Marija u sabu lil Ġesu`, u ħajjithom inbidlet; għaliex kif qalilna San Pawl fis-silta li aħna smajna llum, reġgħu skoprew il-magħmudija li kienet tilbes libsa ġdida u ma tnikkittx 'l-Ispirtu s-Santu, tibda tgħix ħajja skond Ġesu`.



It-tielet - u rridu nitolbuha wkoll - naħseb xi wħud ġew hawnhekk iħossuhom li l-Madonna qed issejħilhom biex dak li għamlet hi ma' Karmni Grima jagħmluh huma wkoll. Jiġifieri jiġu hawnhekk jisimgħu lilha u mhux iżommuh ġewwa fihom, imma huma stess imorru jxerrdu l-kelma li huma ħassew ġewwa qalbhom ħalli ħaddieħor ikun jista' jduq ukoll l-esperjenza tal-Mulej Ġesu`.

**L-Ispirtu s-Santu**

Għandna ħafna talb li aħna ngħidu lil Sidtna Marija. Hemm bżonn inkabbru iktar talba importanti ħafna, li naqrawha fl-Atti ta' l-Appostli. Hemm bżonn niltaqgħu aktar spiss bħalma għamlu l-Appostli flimkien ma' Sidtna Marija biex ngħidu lill-Ispirtu s-Santu jinżel fuqna. Hemm bżonn niltaqgħu iktar bħala familja flimkien ma' Marija; mhux nitolbu l-bżonnijiet tagħna biss, imma nitolbu lil Sidtna Marija, flimkien ma' l-Appostli, biex l-Ispirtu s-Santu jkun preżenza qawwija fostna.

Din hija l-missjoni tagħna. Din hija l-awgurju għal pajjiżna. Għandna missjoni kbira. L-Appostli għamluha għax talbu flimkien ma' Marija biex jinżel l-Ispirtu s-Santu. Ejjew nitolbuha aħna wkoll. ♦



# MESSAĠĠ TAL-PAPA BENEDITTU XVI



APOSTOLIC NUNCIATURE
IN MALTA

N. 195

Rabat, 4 June 2008

Your Excellency,

In response to your Letter of 19 May 2008, I have the honour to transmit the text of the message addressed to Your Excellency from Cardinal Tarcisio Bertone, Secretary of State of His Holiness:

**"From the Vatican, 4 June 2008**

**The Most Reverend Mario Grech,**
**Bishop of Gozo**

**The Holy Father was pleased to be informed of the celebrations at the National Shrine of Our Lady of Ta' Pinu to mark the 125$^{th}$ anniversary of the Calling of the Blessed Virgin to Carmela Grima, and he sends heartfelt greetings to all those taking part. His Holiness prays that the Mariological Symposium, due to take place from 4 to 8 June 2008, will help to deepen the Maltese people's love for the Mother of God as they honour and reflect devoutly upon "the most excellent fruit of redemption" (*Sacrosantum Concilium*, 103). He also commends to Our Lady's maternal protection all the participants in the National Pilgrimage to the Shrine on 22 June and, as a pledge of joy and peace in our Lord and Saviour Jesus Christ, the Holy Father cordially imparts his Apostolic Blessing to all who visit the Shrine in the course of the celebrations.**

**CARDINAL TARCISIO BERTONE**
**SECRETARY OF STATE."**

With fraternal best wishes, I remain,

Yours sincerely in Christ,

+ Tommaso Caputo

✠ Tommaso Caputo
Apostolic Nuncio

The Most Reverend Mario GRECH
Bishop of Gozo

Ritratt: *In-Nunzju Apostoliku Mons. Arċisqof Tomaso Caputo jaqra l-messaġġ tal-Papa, 22 ta' Ġunju 2008*

# SIMPOSJU MARJAN









***Sintesi tas-Simposju Marjan li sar mill-Fakulta` Pontifiċja Teoloġika Marianum ta' Ruma fis-Santwarju Ta' Pinu***

**Mill-4 sat-8 ta' Ġunju 2008**

Kienet xi ħaġa f'waqtha u ta' min ifaħħarha li għeluq il-125 sena mis-sejħa tal-Madonna ta' Pinu jiġi mfakkar mhux biss b'ċelebrazzjonijiet liturġiċi, imma wkoll b'Simposju Marjan, li ġab fostna tnejn mill-aqwa studjużi tal-Marjoloġija: P. Salvatore M. Perella u P. Silvano M. Maggiani, ta' l-Ordni tas-Servi ta' Marija mill-Fakulta` Pontifiċja Marianum ta' Ruma.

Dan is-Simposju fetaħ l-Erbgħa 4 ta' Ġunju, b'ċelebrazzjoni tal-Kelma mmexxija mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech. L-għada, kien hemm l-ewwel sessjoni teoloġika li bdiet biċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għasar minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus. Wara P. Salvatore M. Perella tkellem dwar is-**Sens Ekkleżjali tal-Manifestazzjonijiet Marjani** fejn spjega kif dawn għandhom jiġu nterpretati fil-kuntest tat-teoloġija tal-karizmi, li kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II "huma doni li għandhom jiġu milqugħa b'sens ta' faraġ u radd il-ħajr" (ara *Lumen Gentium,* 12).

Alla jkompli jidħol fl-istorja tad-dinja permezz tal-kontribut matern ta' Marija u l-effetti pożittivi jidhru għall-fatt li l-manifestazzjonijiet marjani mhumiex tant għall-glorja tal-Verġni Marija imma biex iqawwu l-fidi, jħeġġu d-devozzjoni, jwasslu għall-konverżjoni u jsaħħu l-ħajja nisranija. Dawn id-doni karizmatiċi jridu jwassluna biex nilqgħu l-Kelma ħajja tal-Missier li hi Kristu, l-milja tar-Rivelazzjoni kollha u nifhmu illi *tisma'* huwa aktar importanti milli *tara,* ħalli bil-grazzja ta' l-Ispirtu *nagħrfu ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni* (2 Kor 5,7) fuq l-eżempju ta' Marija, dik li emmnet kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej (ara Lq 1, 45).

F'dan il-kuntest, il-manifestazzjonijet marjani jistgħu jiġu ġustament konsiderati bħala possibilita` oħra ta' manifestazzjoni ta' l-Ispirtu tal-Missier u ta' l-Iben (li mhux ta' min ixxekkel) u profezija ġejja mlnn Fuq (li mhux ta' min imaqdar). Għaldaqstant, temm jgħid P. Perella, jibqa' dejjem f'waqtu l-kliem li bih l-Appostlu San Pawl iwiddeb lit-Tessalonikin: *"ixxekklux l-Ispirtu, tmaqdrux il-profezija, ippruvaw kollox; żommu t-tajjeb"* (1 Tess 5, 19-20).

Is-Simposju kompla l-Ġimgħa 6 ta' Ġunju, bit-tieni sessjoni tkun waħda bibblika, b'intervent ieħor tal-Prof. Perella li din id-darba tkellem dwar il-**Pedagoġija ta' Kif Marija Tilqa' fil-Knisja**. Ir-riflessjoni li għamel kellha bħala referiment il-famuża silta tal-Vanġelu skond San Mattew fejn

naqraw li l-Maġi *daħlu d-dar raw lit-Tifel ma' Ommu Marija u nxteħtu fl-art iqimuh* (Mt 2, 11a).

Din is-silta hi mimlija għerf pedagoġiku li trid teduka lid-devoti tal-Madonna biex fil-qima tagħhom lejha, jfittxu li jagħtu biss glorja lil Alla. Jekk il-qima lejn Marija tagħmel parti mill-unika qima tal-Knisja, m'hemmx dubju li bħall-liturġija kollha, dil-qima ġejja mill-Ispirtu s-Santu. Nistgħu ngħidu għalhekk li l-Omm ta' Ġesu` hija bażi soda ta' fidi u ta' devozzjoni liturġika kif ukoll popolari li għandha jkollha dejjem bħala sens ta' orjentament il-misteru ta' Alla rivelat minn Ibnu l-Mulej tagħna Ġesu` Kristu.

Mhux biss minn din is-silta, imma anke minn siltiet oħra li nsibu fil-Vanġelu skond San Luqa u San Ġwann, nistgħu naraw li Marija hija dejjem ma' Binha Ġesu` u biss f'Binha u fid-dar tagħha, li hija l-Knisja magħmula mid-dixxipli ta' Ġesu` li aħna niltaqgħu magħha biex nisimgħu u naduraw flimkien magħha lill-Mulej.

Fid-dar komuni , li hi l-familja ta' Alla u l-poplu tiegħu li hu dejjem f'mixja, kull membru ubbidjenti fil-fidi, jilqa' lil Marija, jonoraha, jitlobha, jimitaha u jżommha bħala ikona li temmen, biex fl-Ispirtu ta' Ġesu` jkunu jogħġbu lill-Missier.

Fil-Knisja, li fl-Ispirtu s-Santu tiċċelebra u tagħmel it-Tifkira tal-Feddej, għall-glorja tal-Missier u l-fidwa tal-kotra, Marija ssib postha fix-xirka tal-Qaddisin, hIja lI b'mod mill-aktar eżemplari tistqarr: "*ikun minni skond kelmtek*" filwaqt li tistieden lill-ġemgħa ta' dawk kollha li jemmnu, biex imsaħħin mill-Kelma u s-Sagramenti, bħalha jwettqu r-rieda tal-Missier.

Dan it-tieni jum tas-Simposju kien taħt il-presidenza ta' Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus, li qabel ma fetaħ is-sessjoni bibblika, mexxa ċelebrazzjoni bil-kant ta' l-innu marjan *Akatistos* fil-Bażilika.

Is-Sibt 7 ta' Ġunju kien l-aħħar jum tas-Simposju marjan, bit-tielet sessjoni tkun dedikata lil-liturġija. Għal din is-sessjoni kien mistieden l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawl Cremona, O.P. Il fetaħ din l-għodwa ta' studju biċ-ċelebrazzjoni tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum fil-Bażilika. Wara P. Silvano M. Maggiani ta l-ewwel intervent tiegħu li fih tkellem dwar **Kif fiċ-Ċelebrazzjonijiet Marjani, Niltaqgħu ma' Kristu**. Meta nirreferu għal Marija, nkunu qed nirreferu assolutament għal Kristu fil-Misteri ta' l-Inkarnazzjoni u tal-Glorifikazzjoni tiegħu, aħna u nistennewh jerġa' jiġi fil-glorja. Madankollu l-ħajja spiritwali, kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II, ma tintemmx fil-parteċipazzjoni liturġika. Minn hawn l-importanza tad-devozzjonijiet popolari, b'mod partikulari t-talba tar-Rużarju mqaddes li












*Ritratti mis-Simposju Marjan*





hu bħal *kompendju tal-Vanġelu.* Fit-tieni intervent tiegħu, l-Prof. Maggiani spjega kif mill-Evanġelju, ir-Rużarju hu tifkira tal-misteri ewlenin ta' Kristu u meta jingħad *bil-kwiet,* aħna bħal Marija u flimkien magħha, nikkontemplaw lil Ġesu`.

Il-ġurnata tas-Sibt ġiet fi tmiemha b'ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus u li għaliha kienu mistiedna r-reliġjużi preżenti fid-djoċesi għawdxija, bit-tema: *Il-Ħajja Konsagrata fl-Iskola tal-Verġni Marija.*

Is-Simposju ġie konkluż formalment b'quddiesa ta' radd il-ħajr mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, il-Ħadd 8 ta' Ġunju filgħodu. Għal kull min ħa sehem f'dan is-simposju ta' studju jew sema' t-taħdiet li saru permezz tat-transmissjonijiet diretti minn *Radju Marija,* din kienet okkażjoni mill-aqwa - li f'pajjiż ċkejken bħal tagħna, qajla jkollna bħalha - biex isir jaf aktar dwar il-Verġni Marija u jikber fid-devozzjoni vera lejha! ♦

**P. Anton Farrugia, ofm**

***Nota Editorjali:***
*L-Atti ta' dan is-Simposju ser jiġu ippublikati aktar 'il quddiem.*



# RESTAWR FIL-KAPPELLA





Matul ix-xhur ta' Marzu, April u Mejju sar xogħol ta' restawr fil-Kappella tal-Madonna:

- **Tibjid**
- **Bdil tal-pavimentar**
- **Sistema tad-dawl ġdida** (Nexos Lighting)
- **Sopraporta ta' l-injam** (xogħol fl-injam ta' Anthony Galea, induratura ta' Mario Camilleri Cauchi)
- **Pavaljun ġdid** (Disinn tal-Kav. Paul Camilleri Cauchi, Rakkmu ta' George Cassar, Ħjata ta' Antionette Mercieca u Rita Cassar)
- **Terħa tal-bizzilla għall-artal tal-Madonna** (maħduma minn Consiglia Azzopardi u Jane Saliba)

***Grazzi għall-għajnuna tal-voluntiera u l-offerti tal-Benefatturi, il-Kappella ħadet dehra ġdida li tilqgħek u tistiednek għat-talb u l-kontemplazzjoni.***







# FTUĦ TAL-KAPPELLA WARA R-RESTAWR



Nhar l-Erbgħa, 4 ta' Ġunju 2008, wara ċ-Ċelebrazzjoni tal-Ftuħ tas-Simposju Marjan, Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex fetaħ mill-ġdid il-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu wara x-xogħol ta' restawr li sar fiha.

Il-kelma "Ejja" ġiet irrakkmata fuq il-pavaljun il-ġdid biex tkompli ġġedded is-sejħa li Marija għadha tagħmel illum lilna waqt li fil-bizzilla ta' l-artal inħadmu l-kelmiet *"Fi ħdan Marija ssib lil Ġesu`"*.

Fis-skiet u l-ġabra ta' din il-Kappella inti tista' llum tiltaqa' ma' Ġesu`, l-Iben tal-Verġni Marija.







# MONS. ĠUŻEPP PORTELLI



Ġuzepp twieled fl-inħawi tal-Fgura, il-Għarb, Għawdex, nhar il-Kunċizzjoni, 8 ta' Diċembru, 1880, bin Wiġi Portelli u Marianna Cauchi. L-Arċipriet Franġisk-Saverju Debrincat għammdu dak inhar stess fil-knisja parrokkjali tal-Għarb bħala Ġużepp, Tumas, u Filippu. Kellu bħala parrini lill-aħwa Ġużepp u Karmni Grima, ġirien tagħhom il-Fgura. Tliet snin wara, nhar it-22 ta' Ġunju, 1883, din Karmni semgħet is-sejħa mill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu.

- Il-familja ta' Wiġi u Marianna kienet imbierka minn Alla b'ħames qassisin: Dun Salv, Dun Piju, Dun Karm, Dun Ġużepp, u Dun Grezz. Ġużepp ħass is-sejħa għas-saċerdozju minn kmieni ħafna tant li nhar it-13 ta' Diċembru, 1894, jiem wara li għalaq l-erbatax-il sena, hu ressaq rikors lill-Isqof Giovanni Camilleri biex jaċċettah fost il-kandidati prospettivi. Kien aċċettat fit-18 ta' Diċembru u ntbagħat jitħarreġ fil-ħajja liturġika fil-knisja ta' San Lawrenz, fejn kien mar joqgħod appena ħuh Dun Salv laħaq l-ewwel kappillan ta' San Lawrenz fil-15 ta' Mejju, 1893.
- Wara sentejn servizz, daħal jistudja fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, li dak iż-żmien kien għadu mmexxi mill-Ġiżwiti. Is-superjuri u sħabu kienu jammirawh għall-intelliġenza, l-għaqal, u l-ispiritwalità tiegħu.
- Giovanni Marija Camilleri, isqof ta' Għawdex, ordnah qassis il-Katidral, nhar il-21 ta' Diċembru, 1907. Ordna ma' ħames qassisin oħra, fosthom Dun Karm Cachia miż-Żebbuġ, li sar konfessur tal-parrina tiegħu Karmni Grima.
- Beda jaqdi dmirijietu saċerdotali f'San Lawrenz. Meta l-patrijiet Ġiżwiti abbandunaw is-Seminarju fl-1909, l-isqof Camilleri sejjaħlu s-Seminarju bħala surmast. Għamilha wkoll ta' Viċi-Rettur tas-seminaristi. Kellu l-formazzjoni ta' seminaristi għal qalbu ħafna u kien ukoll isegwi l-istudenti interni u esterni tas-seminarju minurl. Fl-Istess żmien u għal snin wara kien eżaminatur pro-sinodali ta' dawk iħejju ruħhom għas-saċerdozju.
- Dun Ġużepp, b'differenza ta' ħafna qassisin ta' żmienu, ma daħalx fil-kategorija ta' *Introibo ad altare Dei, addio libri miei.* Ma warrabx l-istudju, iżda baqa' jixtri l-kotba u jaqra - kif kienet tixhed il-librerija kbira li kellhom id-dar tagħhom fil-pjazza ta' San Lawrenz, u li diżgrazzjament ġiet għal kollox sparpaljata. Imħabba dan l-istudju, hu stabilixxa ruħu bħala predikatur mill-aqwa. Ħafna parroċċi,



***Diskors ta' Joseph Bezzina fl-okkażjoni tat-tberik tal-qabar ta' Mons. Ġuepp Portelli, ir-Rettur li bena s-Santwarju ta' Pinu***

**It-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2008**



Malta u Għawdex, kienu jistednuh jagħti paniġierċi, korsijiet ta' eżerċizzi, u priedki okkażjonali. Saħansistra ppriedka l-eżerċizzi lill-Maltin ta' Tripli u ta' Tunis.

- Għall-istess raġuni, inħatar membru tal-Missjoni l-Kbira u għal ħafna snin għamilha ta' prokuratur tagħha. Kien konfessur imfittex minn ħafna u kien ukoll konfessur ordinarju u straordinarju għal ħafna drabi tas-Sorijiet Franġiskani u Dumnikani.

- Meta kien ikun hemm xi parroċċa vakanti, l-Isqof Camilleri kien jibagħtu jmexxi l-parroċċa bħala vigarju kurat sakemm jinħatar il-kappillan. Kien għal tliet darbiet vigarju kurat fil-parroċċa tal-Għasri u darba n-Nadur, il-Qala, Ta' Sannat, u t-Triq tal-Għajn.

- Fis-sena 1933, meta bdew jinfetħu ċ-ċirkoli ta' l-Azzjoni Kattolika, ma baqax lura milli jagħti l-għajnuna tiegħu u kien maħtur assistent ekkleżjastiku taċ-ċirkolu tal-Għarb. Il-membri kienu japprezzaw ħafna l-lezzjonijiet u l-irtiri li kien jagħti lill-membri. Affarijiet ta' l-iskanament, kien ukoll isib ħin biex iħaddem it-taleni artistiċi tiegħu bil-kitba ta' xogħlijiet għall-palk u bċejjeċ mużikali.



- Ħajtu nbidlet għal kollox fis-sena 1916, meta l-Isqof Camilleri sejjaħlu biex jiddedika ruħu lill-kappella Ta' Pinu u ħatru rettur - kappella li saret famuża wara s-sena 1886 meta ġriet l-aħbar tas-sejħa magħmula lil Karmni u lil Franġisk Portelli mix-xbieha ta' l-Assunta ta' fuq l-artal.

- Sa mis-sena 1891, kien nibet il-ħsieb għall-bini ta' knisja kbira li tkun tista' tilqa' fiha, bil-kumdità il-folol tan-nies li f'mewġa kbira kienu sejrin Ta' Pinu. X'ma għamilx l-Isqof Giovanni Camilleri! Kemm ħabrek biex jinbeda l-bini!



- Imma, kif stqarr l-Isqof Camilleri stess fid-diskors li għamel fit-tberik ta' l-ewwel ġebla (Camilleri, *Omeliji,* viii, 145), kien għad ma wasalx iż-żmien iddeterminat mis-Sema għal din il-ħaġa; għalhekk il-premuri tiegħu ma servewx ħlief biex qajmu kwistjonijiet, kawżi, u appelli. Kulħadd għalhekk qata' qalbu u l-idea tal-bini ta' knisja kbira tħalliet fil-ġenb.




- Il-folja nqalbet mal-ħatra ta' Dun Ġużepp bħala rettur. Malli rifes fil-kappella bħala rettur, ħassu ispirat biex jerġa' jipprova jqanqal din il-pedina u jipprova jara jekk issa kienx wasal iż-żmien tal-bini. Ressaq rikors lill-Isqof Camilleri biex jippermettilu jagħmel din il-prova. L-isqof irrifjuta: "Kun af li daqskemm għamilt jien għal dan, u la int u lanqas ħadd żgur ma jagħmel, u frattant bqajna dejjem fejn konna" (Ġużepp Portelli, *Discorso inaugurazione del Santuario Ta' Pinu,* 11).

- Iżda sena wara, Dun Ġużepp ressaq rikors ieħor. Din id-darba, l-Isqof Camilleri wieġbu: "Mhux biss nippermettilek, iżda bi premura kbira nirrikkmandalek".

- Sa mill-ewwel passi li ttieħdu deher sinjal ċar li ż-żmien tal-bini kien wasal - il-Nobbli Francesco-Saverio De Piro, Baruni ta' Budaq, li qabel tant kien għamel bsaten fir-roti għax deherlu li l-kappella kienet proprjetà tiegħu, laqgħu bil-qalb. L-ikbar kwistjoni marbuta mal-proprjetà tal-post fejn kellu jinbena s-Santwarju kienet solvuta. "Mhux għax ma tfaċċawx diffikultajiet u diffikultajiet serji. U kemm! Imma fejn ikun hemm ir-rieda ta' Alla min ikun jista' jfixkel?"

- Malli tqiegħdu l-pedamenti, ix-xogħol beda miexi 'l quddiem ġmielu. "Marija... bdiet tipprovdi u baqgħet sa l-aħħar, imma biss kemm meħtieġ, u mhux iktar" (Portelli, *Discorso inaugurazione,* 13). Skond in-nepputija tiegħu, Ester Camilleri, li kienet toqgħod miegħu biex taqdih, kien jafda għal kollox fil-provvidenza ta' Alla. Darba l-ħaddiema bdew jitilquh għax talbuh iż-żieda u ma kellux min fejn jagħtihom. Daħal fil-kappella, talab, u mar jirranġa t-terħa ta' l-artal u sab diversi liri tad-deheb taħt it-terħa.

- Nhar it-30 ta' Mejju, 1920, Ħadd it-Trinità, l-isqof Ġwanni-Marija Camilleri qiegħed l-ewwel ġebla fost folol kbar ta' nies. Ix-xogħol baqa' dejjem miexi 'l quddiem.

- Meta waslu għall-koppla iddeċidew li jsaqqfu biż-żingu għax flus biex ittellgħuha ma kienx hemm min fejn. Ma laħaqx ħa d-deċiżżjoni meta persuna, li għal żmien twil baqa' ma jafx min kienet, newlitlu ċappa liri deheb f'maktur - b'kollox mitejn lira tad-deheb u waħda. Il-koppla setgħet titla'.

- Il-ħidma sfieqa tiegħu wasslet biex nhar it-13 ta' Diċembru, 1931, l-Isqof Mikiel Gonzi, li laħaq wara l-Isqof Camilleri, jikkonsagra s-Santwarju Ta' Pinu. Dik is-sena, il-Knisja universali kienet qiegħda tiċċelebra għeluq il-1500 sena mid-dikjarazzjoni tad-domma tal-Maternità Divina mill-Konċilju ta' Efesu. Id-diskors ewlieni sar minn Dun Ġużepp u saħaq proprju fuq dan l-avveniment. Li ma kienx jaf Dun Ġużepp - u fil-fatt lanqas ħadd sakemm ippubblikajtha jien l-ewwel darba - din id-dikjarazzjoni ta' l-ewwel domma kienet saret proprju fit-22 ta' Ġunju tas-sena 431. Kumbinazzjoni, l-istess jum tas-sejħa ta' Karmni.

- Nhar il-20 ta' Ġunju, 1935, ix-xbieha ta' Santa Marija li kellmet lil Karmni Grima, kienet inkurunata mill-Kardinal Alessju Lepicier bħala legat tal-Papa Piju XI.

- Fis-sena 1943, l-Isqof Mikiel Gonzi ħatru monsinjur onorarju tal-Katidral ta' Għawdex. Ried jagħmlu tal-fiss,







*Ritratti mill-Quddiesa u t-Tberik tal-Qabar ta' Mons. Ġ. Portelli*





iżda ħassrulu mħabba l-ħidma tiegħu f'Ta' Pinu u imħabba l-bogħod biex joqgħod ġej u sejjer.

- Hu dam rettur sa l-aħħar ta' ħajtu. Miet l-Isptar Victoria wara marda qasira, it-Tnejn, 7 ta' Marzu, 1949, fl-età ta' 68 sena. Il-mewt tal-kappillan Ta' Pinu ħasdet lil kulħadd u kulħadd bkieh. Ittieħed mill-Isptar Victoria għal Ta' Pinu fejn sarlu l-funeral fil-kappella ċkejkna li minn meta inħatar rettur hu ittrasforma f'santwarju l-iktar majestuż. Kien għalhekk xieraq li l-istess Santwarju jilqa' l-fdalijiet tiegħu fil-kappella tal-Preżentazzjoni tal-Mulej "fl-istennija tal-qawmien".

- Nispiċċa billi nagħmel tiegħi l-appell li għamel Dun Ġużepp fid-diskors li ġa semmejt: "Nissoktaw, immela, inħabirku ilkoll bħalma bdejna; ma naqtgħux qalbna u nagħmlu mod li dan is-Santwarju b'għaraqna jasal biex ikun komplut minn kollox, u mogħni b'kollox, biex inħalluh lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna bħala monument jitkellem b'vuċi sħiħa mil-fidi u l-imħabba tagħna lejn Marija, Omm ta' min salvana, merfugħha s-Sema bir-ruħ u l-ġisem" (PORTELLI, *Discorso inaugurazione,* 15). ◆



# INAWGURAZZJONI TA' ŻEWĠ PROĠETTI

**Nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008, ġie inawgurat l-Orgni l-ġdid tad-ditta Johannus - Serje Monarke u nfetħet uffiċċjalment is-Sala li fiha hemm esebiti l-opri ta' Emvin Cremona li ġew rrestawrati fuq sponsor tal-Bank of Valletta.**


*"My heart rejoices in the Lord"*
(Lk 1, 46)
during the Inauguration
of the new Johannus-Monarke Organ
and
the opening of the Hall
housing a permanent exhibition of works
by the late Emvin Cremona
restoration sponsored by
BOV
Bank of Valletta

**Thursday 19th June 2008**
**Ta' Pinu Shrine**


**Programme**

Welcome Speech
*Rector Rev. Fr. Gerard Buhagiar*

Prelude & Fugue in E minor (BWV 533) - J. S. Bach
*Organist: Hugo Agius Muscat*

Chorale Prelude on "Schmücke dich" - S. Karg-Elert
*Organist. Hugo Agius Muscat*

Trumpet Voluntary - J. Clarke
*Organist: Robert Buhagiar*

Speech: 'l-Użu tal-Orgni fil-Liturġija'
*Rev. Fr. George Schembri B. A., S. L. D., G.C.D*

Chorale Prelude on "Hosanna Filio David" - J. Demessieux
*Organist: Hugo Agius Muscat*

Berceuse - L. Vierne
*Organist: Hugo Agius Muscat*

Carillon de Longpont - L. Vierne
*Organist: Hugo Agius Muscat*

Poem: L-Għanja tal-Merħba - G. Pisani
*Joe Camilleri*

Ave Maria - G. Caccini
*Soprano: Dorianne Portelli*
*Organist: Hugo Agius Muscat*

Coronation March - G. Meyerbeer
*Organist: Robert Buhagiar*

Speech
*Mr. Godwin Cutajar*

Speech
*Mr. Roderick Chalmers, BOV Chairman*

Prière à Notre Dame - L. Boëllmann
*Organist: Hugo Agius Muscat*

Toccata from Symphony no. V - C.M. Widor
*Organist: Hugo Agius Muscat*

Inauguration of the Exhibition Hall
*Mr. Roderick Chalmers, BOV Chairman*

*Compere: Stefan Attard*



Il-Kunċert ta' l-Orgni sar mill-organisti Dr. Ugo Agius-Muscat, M.D., M.Sc., L.R.S.M. u minn Robert Buhagiar, flimkien mas-Sopran Dorienne Portelli.







IS-SALA BL-OPRI TA' L-ARTI TA' EMVIN CREMONA. IL-BANK OF VALLETTA IFFINANZJA R-RESTAWR TA' DAWN IL-PITTURI.

*Is-Sala ġiet irranġata fuq disinn tal-Perit Samuel Formosa, ix-xoghol fl-injam sar minn Anthony Galea u x-xoghol tal-hjata sar minn Grace Mejlaq.*

Ritratt ta' Dominic Aquilina



**OF VALLETTA IFFINANZJA R-RESTAWR TA' DAWN IL-PITTURI.**

*u x-xogħol tal-ħjata sar minn Grace Mejlaq.*

Ritratt ta' Dominic Aquilina

# INAWGURAZZJONI TA' L-ORGNI





***Sintesi tad-diskors "L-Użu ta' l-Orgni fil-Liturġija" li sar minn***
***Fr. George Schembri***
*B.A., S.L.D., G.C.D.*

**Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008**

Meta nitkellmu dwar il-Kant fil-Knisja qegħdin nirreferu kemm għall-kant vokali, u dak akkumpanjat mill-istrumenti. Id-daqq tal-instrumenti weħidom, sa mill-Medjoevu hu wkoll ikkunsidrat bħala kant. Fil-fatt, insibu l-espressjonijiet, *cantant organa,* u *cantare in organis.* Neżaminaw is-seba' kapitlu tal-Kostituzzjoni Liturġika, ***Sacrosanctum Concilium*** tal-Konċilju Vatikan II li ġiet ippromulgata fl-4 ta' Diċembru, 1963.

Qabel xejn il-Kostituzzjoni liturġika, tgħidilna li għandna nikkonsidraw il-Liturġija ***bħala l-eżerċizzju tas-Saċerdozju ta' Kristu fit-totalita' Tiegħu.*** Dan ifisser li l-Liturġija jeħtiġilna nħarsu lejha fix-xbieha tal-Knisja, bħala l-Ġisem Mistiku ta' Kristu li għandha bħala Ras, il-Kristu nnifsu, lilna lkoll bħala membri ta' dan il–Ġisem, u l-Ispirtu s-Santu bħala r-Ruħ (art.7). Id-dokument jagħti mportanza kbira lill-Kant waqt il-Quddiesa għaliex jiddedika l-Kapitlu Sitta, għall-Mużika Sagra. Il-Konċilju jfakkarna fi kliem San Pawl, fl-Ittri lill-Efesin u l-Kolossin, meta jħeġġiġhom biex jagħtu ħajr lil Alla b'għana qaddis (5:19 u 3:16).

Il-kapitlu sitta ta' ***Sacrosanctum Concilium*** jgħid li jeħtieġ li l-Knisja Latina għandha tapprezza l-istrument l-iktar tradizzjonali tagħha, jiġifieri, **l-Orgni tal-Kanen** (*pipe organ*), għaliex, bil-ħoss tiegħu jsebbaħ ħafna ċ-ċerimonji tal-Knisja, u jimbuttana biex ngħollu ħsibijietna lejn Alla u lejn il-ħwejjeġ tas-sema. Iżda, bil-kunsens ta' l-awtorita' kompetenti tal-Knisja tal-post, nistgħu wkoll nagħmlu użu minn strumenti oħra adattati (art.120).

Il-Konċilju Vatikan II, ma jieqafx hawn, għaliex, wara li ntemm, il-Kummissjoni mwaqqfa mill-Papa Pawlu VI, fil-5 ta' Marzu, 1967, tatna l-***Istruzzjoni dwar il-Mużika Sagra.*** L-għan ta' din l-Istruzzjoni huwa li tistabilixxi l-prinċipji ewlenin meħtieġa fi żminijietna għall-Mużika Sagra, sabiex ikun jista' jitwettaq dak li ġie deċiż fil-Konċilju.

**Fl-Ewwel Sezzjoni** l-Istruzzjoni tibda biex tgħid li l-Liturġija tingħata xejra iktar nobbli meta hija kkumpanjata mill-kant kemm tal-Ministri, kemm tal-kor, kif ukoll tal-kongregazzjoni. Hawnhekk titkellem dwar il-ħtieġa tal-korijiet. Fl-istess ħin tinsisti li l-kor m'għandu qatt jispiċċa jkanta waħdu, anzi titlobna biex l-innijiet ikunu faċli sabiex in-nies ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-kant (parr.15-16, 20-23).

**It-Tieni Sezzjoni** titratta l-Kant waqt il-Liturġija tas-Siegħat. Il-kant għandu jkun b'mod korali jew bis-sehem tan-nies. In-nies għandhom jiġu mħeġġa jieħdu sehem billi

jingħaqdu mal-ministri tal-Knisja, u jalternaw magħhom ir-reċitar u l-kant tal-Liturġija tas-Siegħat (parr.37-41).

**It-Tielet Sezzjoni** titkellem dwar il-Mużika Sagra fiċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sagramenti u tas-Sagramentali, u fil-funzjonijiet ta' matul is-sena. Tgħidilna li għandu jiġi eskluż kull xejra ta' kant ta' natura sekulari, li ma jgħinx fil-qima tagħna lejn Alla, bħalma qed jiġri, ħafna drabi, fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ (parr.42-43).

**Ir-Raba' Sezzjoni** titkellem dwar il-lingwa Latina filwaqt li tfakkarna li jeħtieġ inħarsu lejn is-sehem attiv u intelliġenti tal-poplu miġbur għaċ-ċelebrazzjoni. Tinsisti wkoll dwar il-ħtieġa li ma nittraskurawx la l-wirt ta' mużika polifonika antika, lanqas dik iktar moderna. L-Istruzzjoni tinsisti wkoll li, qabel kollox, għandu jiġi promoss, il-Kant Gregorjan (par.52).

**Fil-ħames sezzjoni** l-Istruzzjoni tittratta dwar il-melodiji għall-kant ġdid fil-vernakular (lingwa tal-post). Tgħid li dawk li jikkomponu melodiji bit-testi fil-vernakular, għandhom joħolqu kant kemm għall-ministri weħidhom jew flimkien mal-poplu, jew fi djalogu mal-poplu. U kif ingħad qabel, hija l-Awtorita Ekkleżjastika tal-post li, fl-aħħarnett, għandha tiġġudika dwar l-addattabilita` ta' dawn l-innijiet (parr.54-57). Barra minn hekk, jeħtieġ li l-kant il-ġdid, ma' jfixkilx il-qdusija tal-post jew id-dinjita` taċ-ċerimonja (parr.59-61).

**Fis-sitt sezzjoni** nsibu tagħrif dwar l-istrumenti li jintużaw fil-Knisja, u ttenni dak li ngħad fis-***Sacrosanctum Concilium,*** jiġifieri, li l-Orgni tal-Kanen għandu jingħata l-ikbar ġieħ, fil-Knisja Latina, minħabba li huwa l-istrument tradizzjonali tagħha, u minħabba li l-ħoss tiegħu jżid is-sbuħija taċ-ċerimonji u jgħin ħafna sabiex ħsibijietna jintrefgħu lejn il-Mulej u lejn il-ħwejjeġ qaddisa. L-Orgni jista' jindaqq waħdu fil-bidu u fit-tmiem tal-quddiesa, kif ukoll waqt l-offertorju u t-tqarbin. Jista' wkoll ikun akkumpanjat mill-kant, u ma għandu qatt jissuperah sabiex il-kliem tal-kant jinstema' u jinftiehem. L-Istruzzjoni żżid ukoll li d-daqq ta' l-orgni ma' għandux ifixkel jew jitfi l-kliem tas-saċerdot, u għaldaqstant, m'għandhux jindaqq meta s-saċerdot irid iwassal il-messaġġ lill-ġemgħa. Fl-aħħar tinsisti li min ikun qed idoqq l-orgni jew strumenti oħra, jrid ikun mhux biss tas-sengħa u ta' ħila, iżda wkoll konxju sew mill-ispirtu tal-Liturġija, u mit-tifsiriet ta' kull parti ta' l-istess ċerimonji (par.67).

**Is-Sebgħa** u l-aħħar sezzjoni titkellem fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni Liturġika Djoċesana għandha tikkoordina l-ħidma pastorali tagħha ma' dawk tal-Kummissjonijiet għall-Mużika Sagra. ♦









*Ritratti miċ-Ċerimonja ta' l-Inawgurazzjoni ta' l-Orgni u tas-Sala*

# IR-RESTAWR TAL-PITTURI TA' CREMONA







***Rapport dwar ir-Restawr li sar fuq il-pitturi ta' Emvin Cremona mir-Restawratur is-Sur Godwin Cutajar***

**Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008**

**Hjiel tekniku dwar xogħol ta' konservazzjoni u restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju Ta' Pinu Għawdex.**

## Teknika u Storja

Dan is-sett fih għoxrin pittura li saru fil-ħamsinijiet u fis-sittinijiet tas-seklu għoxrin mill-Artist Malti Emvin Cremona. Kull pittura fiha tliet livelli:

- xkora fina, li tidher l-iktar fuq wara
- fuq din strat preparatorju rqieq ta' lewn abjad li huwa *undercoat* biex ix-xkora tkun tista' żżomm aħjar fuqha ż-żebgħa tal-pittura
- fuq nett insibu ż-żebgħa li biha tpittru l-pitturi, li hi fil-parti l-kbira rqieqa ħafna wkoll.

Waqt ix-xogħol Cremona ġieli biddel elementi li jkun pitter qabel (*pentimenti*) jew ukoll saħansitra jidher li biddel skemi sħaħ ta' lwien. Fuq iż-żebgħa niexfa ġieli għamel ħazz bil-lapes biex igħinu fid-disinn, u kien iħalli dan il-ħazz jidher fuq il-pittura lesta.

Uħud mill-pitturi fihom xi dokumentazzjoni quddiem jew wara, bħall-firma ta' l-artist, is-sena li fiha saru jew min ħallas għalihom. Fihom ukoll dokumentazzjoni li mhux ħafif wieħed jaqraha jew jgħid min għamilha, għaliex jew meta din saret.

Mal-perimetru kull pittura għandha wisgħa ta' bejn wieħed u ieħor 3 ċentimetri tila mhix impittra li kien ħalliha l-artist biex il-pittura tkun tista' tinġibed fuq tilar.

Fuq dawn il-pitturi bħala mudelli saru wħud mill-mużajċi li llum hemm fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Tmintax-il pittura waslu sa żmienna mramblin, u tnejn, waslu miġbudin fuq tilar ta' l-injam. Bit-tħabrik tar-Rev. Gerard Buhagiar, f'Ottubru tal-2005 inbeda x-xogħol ta' konservazzjoni u restawr ta' dawn il-pitturi, proġett imħallas mill-BoV.

Il-pitturi, għajr għal waħda, ma jidhirx li kellhom interventi ta' konservazzjoni u restawr qabel dan preżenti.

## Stat ta' Konservazzjoni

Meta nbeda dan ix-xogħol il-pitturi kollha kellhom ħsarat strutturali, min ftit u min ħafna. It-tila kellha nuqqas ta' elastiċita`, tiċrit żgħir, toqob u ksur. L-istrati tal-pittura kellhom nuqqas ta' qbid, qsim ta' l-inxif, ksur irqieq u telf ta' żebgħa ("*lacunae*").

Il-pitturi kien fihom ukoll ħmieġ li nġabar fuqhom maż-żmien.



## Konservazzjoni u Restawr

Il-ħsarat strutturali żgħar ġew imsewwija b'konsolidanti termoplastiċi u b'biċċiet ta' xkora fina. Il-ħsarat kbar kienu jeħtieġu interventi biex jissaħħaħ is-support tal-pittura, u mod kif dan seta' jsir hu li l-pittura titwaħħal fuq xkora ġdida ("*lining*").



Kull pittura ġiet miġbuda fuq tilar ta' l-injam għax hekk hi t-tradizzjoni tal-pittura fuq it-tila.

Il-pitturi ġew imnaddfa mill-ħmieġ.

Dwar it-trattament estetiku tal-"*lacunae*", meħtieġ biex kull pittura tidher iktar magħquda għall-għajn, kellha ssir għażla fejn jimtela, fejn le, u kif. Fost l-oħrajn intużaw sistemi ta' "*sotto tono*" u "*tinta neutra*".

Tul il-perimetru l-pitturi twaħħlitilhom lista wiesgħa ċentimetru ta' l-injam bil-varnic biex tgħatti t-tila mitwija u l-imsiemer.



## Konservazzjoni Preventiva

Il-pitturi konservati u restawrati ddendlu f'sala ventilata u fejn ma jixxarbux. Għandhom ikunu osservati kull sitt xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jsir intervent ta' konservazzjoni u restawr minnufih jekk maż-żmien tkun qed issirilhom xi ħsara. ♦



# RESTAWR SPONSORJAT MILL-BOV







***Diskors mis-Sur Roderick Chalmers, Chairman tal-Bank of Valletta***

**Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008**

It is not often that a Banker is invited to make an address in a Church setting - and I am very conscious that the Gospels tell us that it was the money changers who were cast out of the Temple - so I will not abuse the privilege and detain you for too long.

The theme of tonight's programme or event "*My heart rejoices in the Lord*" is, of course, entirely appropriate, as we have the twin celebrations of the inauguration of the new organ at this Sanctuary - beautifully played by Robert Buhagiar and Dr. Hugo Agius Muscat - and as we mark the opening of the hall to house the permanent exhibition of the splendidly restored works of Emvin Cremona.

I say that the theme is appropriate because:
"*My soul doth magnify the Lord.*
*And my spirit hath rejoice in God my Saviour*"
are of course that words taken from the Song of Mary as found in Luke's Gospel - words which have found their way into the Christian liturgy as the Magnificat. Luke's Gospel tells us that these words were spoken by Mary to Elizabeth shortly after the Annunciation - and both scenes - the Visitation to Elizabeth and the Annunciation, are included in Cremona's works that will be on display in the new hall that we will be opening tonight.

The theme is also appropriate because Cremona's restored works illustrate 20 scenes from the Life of the Virgin Mary - and will be housed in a Sanctuary that is dedicated to her.

The story behind these paintings and their restoration is a lovely one. These works were sent to Italy to be used for the production of the mosaics that adorn this wonderful Church. Returned to Gozo, they were stuck in some cupboard and forgotten for many years. When they were found a few years back they were in a very poor condition, and the Bank of Valletta was approached to help support their restoration.

This we were very happy to do, as we quickly recognised that these were magnificent works of art that are an important part of both Malta's and Gozo's artistic heritage - and are also highly significant to the history and legacy of the Ta' Pinu Sanctuary - a place that is held so sacred by the people of Malta and Gozo. As you all know, the Bank of Valletta is

deeply committed to supporting, in a very meaningful way, the artistic heritage and culture of our Islands.

On behalf of all of us here, I would like to take this opportunity to congratulate Fr. Michael Galea and Fr. Gerard Buhagiar - Rectors past and present of Ta' Pinu - for their foresight and initiative, and, of course Godwin Cutajar for the outstanding job that he has done in lovingly restoring these superb works of art to their former glory. History, the people of Malta and Gozo, and art lovers from all over the world who will visit Ta' Pinu will be grateful to them. Seventeen of the paintings are already in the exhibition hall which you will have the pleasure of visiting after the concert, and the last three paintings will also be in place before the end of the year. The Bank of Valletta feels both privileged and proud to have been able to play a small part in making this possible.

I would also like to congratulate Dr. Hugo Agius Muscat and Robert Buhagiar for the excellent performance on the newly inaugurated organ - as always, they played the sacred music that they love so much with great sensitivity, feeling and dignity.

I hope you enjoy the rest of the evening, and like you, I am looking forward to the inauguration of the Exhibition Hall - and as we view the wonderful paintings I am sure that we will recollect the words of the theme of this event - the words of the Magnificat:
"*My soul does magnify the Lord.*
*And my spirit has rejoiced in God my Saviour*
*Because he has regarded the humility of his handmaiden;*
*For behold, from henceforth all generations shall call me blessed.*" ♦









# L-GĦANJA TAL-MERĦBA - Poeżija ta' Ġorġ Pisani





***Din il-poeżija nkitbet u nqrat mis-Sur Ġorġ Pisani fl-okkażjoni taż-Żjara tal-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu fil-Belt Victoria fl-1949.***

***Fl-okkażjoni taċ-Ċerimonja ta' l-Inawgurazzjoni ta' l-Orgni din il-poeżija nqrat mis-Sur Joe Camilleri***

**Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008**

Snin ilu, Madonna,
inżilt mis-smewwiet
fuq sħaba tal-fidda
li kollox għattiet.

Ħallejt dik il-ġenna,
ħallejt dik is-saltna
u qbadt it-triq twila
li tagħti lejn artna.

Kien Ġunju filgħodu;
mis-sħaba smewwija
rajt 'l Għawdex imħeġġeġ
fl-imrieżaq sajfija.

U rajt il-mewġ mieles
tal-Baħar Nofsani
ifissdu b'imħabba
idawru kaħlani.

Ilmaħt f'dik il-għodwa
l-għoljiet tiegħu żgħar
u taħthom l-irħula
bil-koppli u d-djar.

U l-bdiewa fl-egħlieqi
qed jaħdmu beżlin,
iħejju b'dirgħajhom
il-ħobż tal-bnedmin.

U rajt b'dik il-ħarsa
li tajt fuq il-gżira
kemm kienet imsejkna,
kemm ċkejkna, kemm fqira.

Nistħajjel li l-Anġli
urewk dak il-ħin
il-ġmiel ta' pajjizi
wisq iktar wesgħin,

il-ġmiel ta' pajjizi
imfawra bil-ħdura,
bil-fwieħa ta' l-oqsma,
b'kull rizq tan-natura.

Biex tinżel ġo fihom
dlonk l-Anġli stednuk,
sabiex il-ġnus kollha
hemm qima jagħtuk.

'Ma xejn, o Madonna,
ma ġiegħlek titħajjar:
ħarist għal darb'oħra
fuq Għawdex il-fqajjar.

Imbagħ'd b'dik it-tjieba
ta' Ommna, ta' Sidtna,
inżilt kollok dija,
inżilt ġo gżiritna.

U biex lill-qlub kollha
tas-sliem tagħti x-xaba',
Int dħalt ġo kappella
mitlufa ġor-raba'.

Minn hemm, o Madonna,
sejjaħt Int daħkana
lil xebba nadifa
tan-nisel minn tagħna.

B'dis-sejħa li qabel
ma smajna żgur qatt,
sejjaħt liż-żewġ gzejjer,
sejjaħt lil kulħadd.

U aħna weġibna
għas-sejħa minn tiegħek,
emminna fil-qawwa
u s-setgħa ta' driegħek.

U hemm qalb l-egħlieqi,
tax-xemx taħt il-qilla,
bnejnielek bħal Tempju
mirqum tal-bizzilla.

Bħal dik il-bizzilla
bil-wisq imsemmija
li toħroġ mis-swaba'
tan-nisa għawdxija.

Bnejnielek it-Tempju
bajdani u rżini
bħall-qlugħ kbir tad-dgħajjes
għawdxin tal-latini.

It-Tempju bajdani
Bħall-ibnen ħalib
li tagħti gziritna
tas-saħħa ħabib.

It-Tempju tal-għaġeb
li jilqa' l-eluf
u fih dawn jintilfu
bħal donnhom ġo ġuf.

'Ma llum grat xi ħaġa,
xi ħaġa wisq kbira,
xi ħaġa li qanqlet
ir-ruħ ta' dil-gżira.

Għaliex mindu fostna
inżilt mis-smewwiet
ser tħalli l-għamara
li ħtart fost is-skiet.

U ġejja titbissem,
bil-grazzi mimlija,
tal-gżira ta' mħabbtek
fil-belt ewlenija.

Arana, Madonna,
kif ġejna nilqgħuk,
il-qima ta' qlubna
hawn ġejna nagħtuk.

Ħallejna lil djarna
u kollox warajna,
għax leħnek darb'oħra
illum aħna smajna.

Qed tidwi bil-għana
dil-belt minn kull naħa
li miexja ser tilmħek
fit-toroq minn tagħha.

Kemm aħna xxurtjati,
elf darba mberkin
li hawn stajna niġu
flimkien imxerkin.

Bħal issa, Madonna,
eluf ta' Għawdxin
minn din l-art maħbuba
bil-wisq imbegħdin,

fejn marru jaqilgħu
ta' nieshom l-għajxien,
fl-Awstralja, fl-Amerka,
fil-Lvant, kullimkien,

jixtiequ jingħaqdu
f'dal-ferh tagħna lkoll,
ilsienu kull wieħed
biex jilqgħek iħoll.

Ma' dawn bosta oħra
illum imbikkija,
fis-sodod mifluġa
fost l-hemm u t-tbatija,

jixtiequ, jaħasra,
imħabbthom bla tmiem
joffrulek hawn magħna,
jagħtuk l-isbaħ sliem.

X'ser naqbdu noffrulek,
Madonna sabiħa,
fil-belt ċkejkna tagħna
x'ħin tidħol rebbieħa?

Kif naqbdu nżejnuhom
tal-belt it-triqat
x'ħin tgħaddi Sultana
tal-qlub u x-xewqat?

Nixtiequ nfewħuhom
bl-inċens u bil-ħwawar,
niksuhom bl-arazzi,
bid-deh'b u bil-ġawhar.

Nixtiequ ngħattuhom
bil-fosos wisq fini,
bil-qroll, bl-ametisti,
djamanti u rubini.

'Ma Int, o Madonna,
Int tafha dil-gżira
li għadha kif rajtha
wisq ċkejkna, wisq fqira.

Immela x'ser naqbdu
noffrulek sabiħ
mal-ħajr u mal-merħba
tal-poplu ferrieħ?

Noffrulek, Madonna,
bħal ward imfewħin
il-qlub innoċenti
ta' ħutna ċ-ċkejknin.

Xejn isbaħ, xejn oħla
ma għandna x'nagħtuk,
għax nafu, Madonna,
kemm lilek jogħġbuk.

U issa midd riġlejk
fil-belt ċkejkna tiegħek,
dewwaqna s-sbuħija
li ngħixu jum miegħek.

Berikha, Madonna,
dil-belt ta' l-Għawdxin
li qatt ma rat ġrajja
sabiħa bħal din.

Kull waħda minn djarna
f'kull żmien qima tatek,
għalhekk illum fihom
Int waqqaf saltnatek.



'Ma l-iktar fil-kmamar
bla kliem, bla ġrajjiet,
fejn hemm l-aħwa tagħna
isofru fis-skiet.

Imliehom dal-kmamar
bil-ħlewwa ta' kliemek,
dewwihom bil-balzmu
u l-għasel ta' sliemek.

Bil-mant tiegħek sbejjaħ,
il-mant tal-ħarsien,
għattiha lil beltna,
ostorha f'kull żmien.

Tħalliha qatt toħroġ
minn taħt dan l-istar,
fix-xorti ħanina,
fix-xorti mill-agħ'r.

Ħabbejtna bil-bosta,
ħabbejtna, Marija,
int ħtartna mill-kotra,
għażiltna mill-bqija.

Jitkabbar ħaddieħor
u jifraħ b'kull ġid,
jiftaħar kemm jiflaħ
bil-flus, biex irid.

Bik biss aħna mkabbra,
Madonna Ta' Pinu,
minqux għandu ismek
kull Għawdxi fuq ġbinu.

U b'rasna merfugħa
Neħduh kullimkien,
bħal fjamma li tixgħel
fil-lejl ta' kull żmien.

Madonna Ta' Pinu,
sat-temma tas-snin
il-ġieh tiegħek jiddi
fuq ras il-Għawdxin.

# ANNIVERSARJU TA' L-INKURUNAZZJONI






F'Quddiesa Konċelebrata, mmexxija mill-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Bosco Gauci, bis-sehem tal-Kapitlu tal-Katidral, ġie mfakkar it-73 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tax-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna ta' Pinu. Anima ċ-ċelebrazzjoni l-kor Ecclesiae Cathedralis taħt id-direzzjoni ta' Mro. Colin Attard.



Wara, Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' Patri Charles Fenech O.P., direttur ta' Radju Marija, mexxew it-talba tar-Rużarju.





# KONĊELEBRAZZJONI F'LEJLET IL-FESTA



Fl-1949, il-Poeta Għawdxi Ġorġ Pisani kiteb poeżija sabiħa dwar il-ġrajja li seħħet fil-kappella Ta' Pinu bħal-lum 125 sena ilu. Qed nitkellem mis-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima. Bil-Latin jgħidu "*scripta manent*" (jiġifieri l-miktub ma jitħassarx) U hekk ġara minn din il-poeżija ta' Ġorġ Pisani. Għad li nkitbet 59 sena ilu, dil-poeżija għadha mniżżla f' wieħed mill-kotba tiegħu u nqrat hawnhekk f'dan is-Santwarju Ta' Pinu nhar il-Ħamis li għadda. Ħafna minnkom ma kontux hawn, għalhekk xtaqt indewwaqkom ftit mis-sbuħija ta' din il-poeżija...

Mela Ġorġ Pisani jgħid hekk: "Kien Ġunju fil-għodu... Il-Madonna ħalliet is-smewwiet u qabdet it-triq twila li tagħti lejn artna. Dak il-ħin, l-anġli bdew juruha l-ġmiel ta' pajjiżi kbar u wesgħin, imfawra bil-ħdura u b' kull riżq tan-natura... stednuha tinżel ġo fihom... Imma xejn ma ħajjarha 'l-Madonna... għal darb' oħra reġgħet ħarset lejn Għawdex il-fqajjar u niżlet ġo kappella mitlufa fir-raba titkellem ma' xebba Għawdxija..."



Dix-xebba Għawdxija kienet Karmela Grima li għall-ħabta ta' l-għaxra ta' fil-għodu kienet ħelset mix-xogħol tar-raba u sejra tinġabar id-dar. Mela kif waslet qrib dil-kappella Ta' Pinu, semgħet min isejħilha u jgħidilha "*Ejja, ejja.*" Karmni kkonfondiet ħafna, għaliex dak il-ħin, ma kien jidher ħadd fl-għelieqi, u reġgħet bdiet miexja lejn id-dar. Pero` għal darb' oħra, reġa' nstema min isejħilha u jgħidilha: "*Ejja llum, għaliex qabel sena oħra, ma tkunx tista' terġa' tiġi!*" U tirtgħod bil-biża' bdiet miexja lejn il-kappella, daħlet u minn dak il-kwadru, il-Madonna tagħtha l-messaġġ tagħha. Miniex se nitkellem fuq il-messaġġ li tagħha...naħseb li tafuh. Se nieqaf biss fuq il-kelma "*EJJA*", l-ewwel kelma li nisslet il-Madonna bil-lingwa tagħna, bil-Malti, jew forsi wkoll bl-Għawdxi. Nista' ngħid li din l-ewwel kelma li qalet il-Madonna bil-lingwa tagħna, hija kelma biblika, jiġifieri nsibuha kemm-il darba fl-Iskrittura. Jien se nsemmi biss **tliet okkażjonijiet** u nagħmel riflessjoni qasira fuq kull waħda minnhom...

**L-ewwel okkażjoni**: X'imkien fil-vanġelu ta' San Mark, Ġesu` jgħid lill-appostli: "*Ejjew miegħi intom biss weħidkom f' xi post imwarrab, u strieħu ftit.*" Ikompli jgħid San Mark: "*Għax tassew, kien hemm ħafna nies ġejjin u sejrin, u anqas żmien biex jieklu ma kienu jħallulhom.*" Jekk fi żmien Ġesu` (ħajja kwieta u kalma) l-appostli kellhom bżonn tal-mistrieħ u tal-kwiet, kemm iktar illum li qegħdin ngħixu f'ħajja mgħaġġla u storbjuża! Il-Madonna qegħda tgħidilna: "*Ejjew*

***Omelija ta' Dun Mikiel Galea waqt il-Konċelebrazzjoni ta' lejlet il-festa li fiha ħadu sehem il-Kapitli tal-Kolleġġjati ta' l-Għarb, Nadur, Xagħra***

**Is-Sibt, 21 ta' Ġunju 2008**













*Ritratti waqt il-Konċelebrazzjoni*

mgħaġġla u storbjuża! Il-Madonna qegħda tgħidilna: "*Ejjew f'din il-kappella żgħira, strieħu ftit mill-ġenn tal-ħajja; fis-skiet ta' din il-kappella tisimgħu lil Ibni Ġesu` jkellimkom. Ġesu` jitkellem minn taħt l-ilsien u jekk ma tisktux ma tistgħux tisimgħu l-kelma tiegħu!*"

**It-tieni okkażjoni**: X' imkien fil-vanġelu ta' San Mattew, Ġesu` jgħidilna: "*Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom.*" Iħobbu jgħidu li l-ħajja mhijiex biss ward u żahar, imma tikkonsisti wkoll f'xewk u għollieq. X'nifhmu b' xewk u għollieq? Nifhmu t-tbatijiet kollha li minnhom jgħaddi l-bniedem: tbatijiet tal-ġisem (bħalma hu l-mard, l-uġigħ, il-mewt), tbatijiet tal-moħħ (bħalma hu l-inkwiet, id-*depressions*, l-ansjeta`) u t-tbatijiet tar-ruħ (bħalma hu d-dnub, in-nuqqas ta' paċi tal-qalb, il-weġgħat li tirċievi minn għand xi ħadd) u l-lista ma tispiċċa qatt... Jien inħobb ngħid li is-santwarju Ta' Pinu bħal sptar. In-nies tiġi hawn hekk biex tferra' f'riġlejn il-Madonna din it-tbatija kollha, u jekk jista' jkun, issib il-fejqan.

**It-tielet okkażjoni**: X'imkien ieħor fil-Vanġelu ta' San Mattew, Ġesu` kien ħdejn il-baħar tal-Galilja, jilmaħ żewġt aħwa qegħdin jixħtu x-xbiek fil-baħar għax kienu sajjieda u qalilhom: "*Ejjew warajja, u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin*". Dawn kienu Pietru u ħuh Indri'. Minnufih, telqu kollox warajhom u marru warajh. Illum, iktar minn qatt qabel, għandna bżonn żgħażagħ li jħallu kollox u jaqbdu t-triq tas-saċerdozju, tal-ħajja reliġjuża, tal-ħajja missjunarja, tal-ħajja kkonsagrata fis-soċjeta`. Nista' niggarantielkom li diversi żgħażagħ iddeċidew li jimxu mill-qrib wara Kristu f'din id-daqsxejn ta' kappella. Nispiċċa b' esperjenza...

Mela ġurnata minnhom, jien u sieħbi Edward Depasquale, konna qegħdin nagħlqu s-Santwarju, ġie żagħżugħ u qalilna: "*Wasaltu biex tagħlqu hux?!*" Kompla jgħidilna: "*Tistgħu tħalluni nidħol nagħmel żjara qasira lill-Madonna?*" Għednielu: "*Ma tafx li tidħol.*" U daż-żagħżugħ dam daqs ħames minuti miġbur quddiem il-kappella. Jgħaddu xi tliet snin u dan iż-żagħżugħ, reġa ġie jżurna. Kif rajtu, għedtlu: "*Nafek xi mkien.*" Qalli: "*Jien dak iż-żagħżugħ li tliet snin ilu kont tlabt lilek u lil sieħbek tħalluni nitlob ftit quddiem il-Kwadru tal-Madonna.*" Għaraftu. Hu kien. Qalli: "*Dak inhar ħassejt li għandi niġi sa Ta' Pinu. Kien għamel il-ħin, u ommi bħal qatgħetli qalbi u qaltli: 'Tmur xejn għax il-Knisja se ssibha magħluqa.' Imma ġejt, u flok sibt il-Knisja magħluqa, sibt lilkom li ħallejtuni nagħmel dik iż-żjara qasira. Dik iż-żjara qasira kienet mument ta' grazzja speċjali! Ħassejt sejħa ġejja mill-Mulej, tgħidli: 'Nixtieqek tkun wieħed mill-ħaddiema tiegħi.' Illum ninsab is-seminarju...jekk Alla jrid, dalwaqt inqaddes!*" ♦

# VELJA TA' TALB U MIXJA AUX FLAMBAUX

Is-Sibt, 21 ta' Ġunju, lejlet il-festa saret Velja ta' Talb li bdiet minn quddiem id-dar ta' Karmni Grima u saret mixja bil-Flambaux qalb l-għelieqi li minnhom kienet tgħaddi Karmni biex tmur fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu. Il-Velja tmexxiet mill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' l-Għarb, Mons. Karm Gauci.



















# MIN KIENET KARMNI GRIMA?






***Karmni Grima, Messaġġiera tal-Madonna***

***miġbur mill-ktieb ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, Is-Santwarju "Ta' Pinu" Ċentru ta' Pellegrinaġġ, Għawdex 1983.***

Karmni Grima kienet iż-żgħira fost il-ħames ulied (Anġelika, Ġużepp, Pawlu, Ġanna, Karmni li kienu jiffurmaw il-familja ta' Tumas Grijma u martu Antonja mwielda Apap mill-Għarb Għawdex. Hija twieldet fit-2 ta' Frar, 1838. Kienu nies li jaħdmu fir-raba'. Bħall-biċċa l-kbira tan-nisa ta' dak iż-żmien, Karmni kienet mgħoddija fix-xogħol iebes, minn fil-għodu kmieni sa ma jidħol il-lejl sewwa, ħajja aktarx fqira, bla dlvertlment u tlelllx tad-dlnja, imma ħajja ħienja għaliex mgħoddija taħt il-ħarsa t'Alla, fil-għożża u l-ħarsien tal-Liġi Mqaddsa Tiegħu.

Huma kienu jgħixu f'tarf ir-raħal, f'dar li tiġi man-naħa tax-xellug tat-triq li mir-Rabat twassal għall-Għarb. Kienet dar mibnija l-antika, imqawel u bitħa għall-bhejjem fil-parti t'isfel u fis-sular ta' fuq, kellhom il-kmamar li fihom kienet tgħix l-familja ta' Tumas Grima. Huma kellhom ukoll mitħna li titħan il-qamħ fil-parti t'isfel tad-dar. Dar komuni bħal dik tal-bdiewa Għawdxin, dar arjuża bi twieqi li minnhom wieħed jilmaħ l-għelieqi mxabbtin mal-għoljiet ta' Għammar u ta' Ġordan, tilmaħ fil-bogħod il-kappella qadima Ta' Pinu.

Karmni Grima twieldet f'din id-dar. Missierha, ma tilifx żmien sabiex jaħseb għall-Magħmudija tagħha, ried li fl-istess jum li twieldet għall-ħajja tal-ġisem, bintu titwieled ukoll għall-ħajja sopranaturali. Propju fil-festa tal-Kandlora, festa tal-Madonna li fiha nfakkru l-ġrajja ta' meta hija ppreżentat lil Binha Ġesu` fit-tempju, Tumas Grima ħa lil bintu tarbija fil-knisja tal-Għarb, fejn l-Arċipriet, il-Kanoniku Dun Pubbliju Refalo, għammidha bl-ismijiet ta' Karmela, Grazzja u Ġużeppa. Bħala parrinijiet kellha lil Dun Ġużepp Saliba u lil Marija Apap bint Nikola.

It-tfulija u ż-żgħożija ta' Karmni kienet waħda sempliċi bħal dik tat-tfal Għawdxin. It-talb kellu parti importatni mill-ħin tal-ġurnata; il-quddiesa ta' kull filgħodu waqt li r-reċlta tar-rużarju klenet tagħlaq ll-ħldma tal-Jum. Karmnl kienet tgħallmet il-ħjata, kienet taf taħdem il-bizzilla kif ukoll xi ħaġa tar-rakkmu ħafifa.

Karmni kienet tgħaddi l-ġurnata fix-xogħol tad-dar u fit-talb, iżda hija kienet issib ukoll iż-żmien sabiex twettaq xi ħidma għall-ġid spiritwali ta' għajrha. Kienet tħobb titkellem fuq il-Madonna u tħajjar lill-oħrajn sabiex iħobbuha u jqimuha dejjem aktar. Drawwa sabiħa li kellha u li damet sejra sa ftit snin qabel mewtha, kienet li fil-festi tal-Madonna, speċjalment fil-Kunċizzjoni u fil-Lunzjata, kienet tiġbor għadd ta' xbejbiet u flimkien jorganizzaw bħal ċerimonja żgħira. Il-Kwadru tal-Madonna kien jiġi mqiegħed fuq speċi

ta' artal u mdawwar bil-fjuri u bix-xemgħa. Karmni kienet tirreċita r-Rużarju u l-kurunella u kollox kien jispiċċa b'kant ta' xi innijiet. Dan kollu kien isir fid-dar tagħha.

Ma ninsewx li Karmni kellha imħabba speċjali lejn is-saċerdoti u kellha bħala direttur spiritwali tagħha lil Dun Anton Vella. F'nota miktuba minn Dun Anton, insibu li fid-19 ta' Diċembru 1914, Karmni rrakkontat lil Dun Anton li f'dawk il-jiem, waqt li kienet sejra Ta' Pinu, imdejqa bis-slaleb tagħha, ħasset minnufih il-faraġ ta' Kristu. F'dak il-mument irċieviet bħal dawl speċjali li ġiegħlha tifhem li kellha titlob għal wieħed saċerdot li kien ġej fuqu salib tqil. L-għada dak is-saċerdot mar għandha, u nsista magħha biex titlob għalih. Huwa ma tahiex tagħrif iktar imma Karmni kienet ġa għarfet kollox. Huwa qalilha: "*Jagħmel ħażin ħafna min ikollu salib u jipprova jeħles minnu, għaliex floku jiġib ieħor wisq u wisq itqal*". Karmni stqarret mad-direttur spiritwali tagħha li hija ta' kuljum kienet titlob għas-saċerdoti.

Iżda l-ġrajja li għaliha Karmni tibqa' mfakkra, bla dubju ta' xejn hija l-esperjenza li kellha fl-eta` ta' ħamsa u erbgħin sena, meta hija semgħet il-leħen tal-Madonna ta' Pinu. It-tagħrif dwar din il-ġrajja nsibuh fil-ktieb ta' Mons. Ġużeppi Farrugia, "*La Beata Vergine Ta' Pinu in Gozo*". Monsinjur Farrugia kien wieħed minn dawk li indaga fuq din il-ġrajja straordinarja u kien attent biex l-ebda dettal ma jaħrablu.

Il-ġrajja fil-qosor hija din. Kien ix-xahar ta' Ġunju, 1883, meta Karmni Grima kienet ġejja lura lejn darha, mill-għalqa tagħhom in-naħa tal-Ġurdan, fil-waqt li kienet tirreċita xi talbiet privati tagħha. Kienet qrib l-għaxra ta' filgħodu. X'ħin waslet f'dik il-parti tat-triq li tingħaqad mal-passaġġ li jwassal għall-kappella Ta' Pinu, semgħet għal darbtejn jew tlieta leħen isejħilha: "*Ejja, Ejja*". Karmni kkonfondiet ħafna, għaliex ma kien hemm ħadd f'dak il-ħin fl-għelieqi li dak il-leħen seta' kien tiegħu. Wara li damet għal ftit ma tafx x'ser tagħmel, iċċaqalqet u bdiet miexja mill-ġdid. Imma l-leħen ta' qabel reġa' tenna: "*Ejja llum, għaliex qabel sena ma tkunx tista' tiġi*". Għalhekk, hija reġgħet xi passi lura sabiex taqbad il-passaġġ u bdiet miexja bil-mod u beżgħana, għax ħasbet li ser issib lill-Verġni Mbierka nnfisha, mhux impittra fuq it-tila. Imma xħin waslet ħdejn il-bieb tal-kappella li kienet magħluq u ttawlet mit-tieqa żgħira miftuħa fl-istess bieb, xħin rat li ma kien hemm ħadd, għamlet il-kuraġġ u daħlet ġewwa. Talbet għal ħin wieħed u ġarrbet hena mhux tas-soltu; u xħin spiċċat qagħdet ittella' u tniżżel taħseb x'sejra tirreċita iżjed. F'dak il-ħin, l-istess leħen reġa' qalilha: "*Irreċita tliet Ave b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġismi dam fil-qabar.*" Qalet it-tliet Slimiet b'ħeġġa ta' devozzjoni ikbar u reġgħet lura lejn darha u matul sena sħiħa ma kelliex okkażjoni li terġa' tmur lejn dawk l-inħawi tal-kappella. Dak











*Ritratti mid-Dar ta' Karmni Grima*

tal-kappella. Dak li ġara f'dak il-jum, Karmni żammitu bħala sigriet; irrakkontatu biss madwar sentejn wara lil Franġisk Portelli waqt li kienet qed tkellmu dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu.

Bdiet tiġri x-xniegħa li l-Madonna Ta' Pinu kienet kellmet lil tnejn min-nies mill-Għarb u l-għadd tan-nies li kienu jmorru jżuru s-santwarju beda jikber ġmielu. L-Arċipriet ta' l-Għarb il-Kan. Dun Franġisk Saverju Debrincat, mar għand l-isqof t'Għawdex, Mons. Pietru Pace u wara li nformah b'dak kollu li sema', staqsieh x'għandu jagħmel. L-isqof deherlu li wieħed għandu jistenna, għaliex qallu, li jekk dik il-ġrajja kienet ġejja mis-sema, Alla nnifsu jsib mezz sabiex kulħadd isir jaf il-verita`. Aktar tard pero` l-Isqof Pace, ra l-ħtieġa li jiġu msejħa Karmni Grima u Franġisk Portelli sabiex jistqarru huma stess dak li ġara fis-Santwarju Ta' Pinu, u qabbad lill-Arċipriet biex jagħmel dan l-istħarriġ.

Stqarrija oħra ta' Karmni Grima saret fit-8 ta' Settembru 1890 quddiem l-Arċipriet Debrincat. F'din l-istqarrija huwa msemmi li l-ġrajja tad-dehra twettqet aktarx f'Ġunju 1883, jiġifieri erba' snin qabel ma' Karmni għamlet l-ewwel xhieda tagħha. Fit-tieni dokument, Karmni semmiet xi esperjenza reliġjuża li kienet ġarrbet waqt li kienet titlob fit-triq hija u sejra lejn il-Kappella ta' Pinu, fil-5 ta' Lulju, 1888, filgħodu kmieni, qalet li rat bħal dawl jiddi fuq il-knisja u ħasset paċi nterna u ferħ li ma jistax jitfisser.

Kien fadal diffikulta`, dik li tinstab il-ġurnata u d-data preċiża tad-dehra. Kif jidher mit-tieni xhieda, Karmni kien għadha tiftakar biss li l-ġrajja twettqet f'Ġunju tal-1883. Dun Alfons Marija Hili, li f'dak iż-żmien kien rettur tas-santwarju Ta' Pinu, tkellem ma' Karmni u minn għandha sar jaf li l-ġurnata tad-dehra kienet il-Ġimgħa u kien jum qrib it-tmiem tax-xahar ta' Ġunju. Ħa f'idejh il-Kalendarju tas-sena 1883, sab li fix-xahar ta' Ġunju kien hemm jum il-Ġimgħa għal ħames darbiet, jiġifieri 1, 8, 15, 22, 29. B'metodu ta' eliminazzjoni, Dun Alfons wasal biex jiddeċiedi li l-jum tad-dehra kien it-22 ta' Ġunju. Difatti, peress li Karmni qaltlu li semgħet il-leħen tal-Madonna fl-aħħar parti tax-xahar ta' Ġunju, l-ewwel tliet possibilitajiet (1, 8, 15 tax-xahar) ġew esklużi. L-anqas seta kien il-jum tad-29 tax-xahar, għaliex peress li dak huwa jum l-Imnarja, f'dak iż-żmien festa kkmandata, Karmni dak inhar żgur li ma marritx fl-għalqa għax-xogħol.

B'hekk il-jum tat-22 ta' Ġunju sar jum għażiz għall-insara tal-Gżejjer Maltin. Fih il-poplu Malti u Għawdxi jżur is-Santwarju Ta' Pinu biex ifakkar din il-ġrajja u juri l-imħabba u l-qima tiegħu lejn din l-Omm tas-Sema li għadha sal-ġurnata tal-lum issejħilna biex niġu għandha, kif sejħet lil Karmni Grima 125 sena ilu. ◆

# MIN KIEN FRANĠISK PORTELLI?



Ma nistħajjilx li hemm ħafna nies li għandhom informazzjoni biżżejjed, dwar ir-rabtiet li hemm bejn is-Santwarju Ta' Pinu u Franġisk Portelli. Forsi hemm ukoll min jaf ftit li xejn dwaru u jistaqsi, qabel xejn: Min kien dan Franġisk Portelli?

Kif jirriżulta mir-reġistru tal-magħmudija tal-Parroċċa ta' l-Għarb, Għawdex, (vol.IV, pag. 71) Franġisk Portelli twieled fis-6 t'Ottubru 1850 u l-għada ġie mgħammed fil-knisja ta' l-Għarb, mill-Arċipriet, il-kanoniku Dun Salv Mizzi.

Il-ġenituri tiegħu kienu Salvu Portelli u Ċensa mwielda Caruana. Missieru, barra mill-ftit raba li kien jikkoltiva, kien ukoll ħaddied u f'din l-istess sengħa għallem ukoll lil tlieta minn uliedu subien. Salvu Portelli, kien twieled in-Nadur, iżda ħalla raħal twelidu u mar joqgħod l-Għarb biex ikun iktar fil-qrib, lejn il-fanal (*lighthouse*) tal-Ġurdan fejn hu kien impjegat bħala għassies. Kien bniedem magħruf għal-bżulija tiegħu kif ukoll għad-dixxiplina stretta li biha rabba l-għaxar uliedu li kellu. Iżda fil-familja tiegħu d-dmirjiet reliġjużi kienu jiġu osservati bl-ikbar reqqa, u d-devozzjoni lejn il-Madonna, kienet waħda mħeġġa. Difatti, barra mir-Rużarju li kien jingħad ta' kuljum, f'dik il-familja kien hemm ukoll id-drawwa, li kull kwarta, x'ħin idoqq l-arloġġ, isellmu lill-Madonna, bit-talba tas-Sliema u l-Qaddisa, u bil-ġakulatorja, "*O Marija, li dħalt fid-dinja, mingħajr tebgħa aqlagħlna l-grazja li noħorġu minnha mingħajr ħtija*". Franġisk, baqa jħares din id-drawwa sa l-aħħar jiem ta' ħajjtu.




Meta kien għadu tifel, Franġisk għal xi żmien iffrekwenta l-iskola ta' l-Għarb fejn tgħallem jaqra u jikteb. Meta tfarfar u ħareġ mill-iskola, kien jgħin lil ħutu fix-xogħol tar-raba.

Il-ħajja spiritwali ta' Franġisku sa minn tfulitu, ma kinitx differenti ħafna minn dik tal-bdiewa ta' l-istess raħal fejn twieled u għadda ħajtu. Il-ġurnata tibda bil-Quddiesa ta' kull fil-għodu, qabel ma jmorru għax-xogħol, nhar ta' Ħadd, fil-għodu l-Quddiesa ta' l-obligu u fil-għaxija, il-priedka tal-katekiżmu li kien jagħmel l-Arċipriet jew xi qassis imqabbad minnu, u ħafna minnhom kienu jieħdu sehem fil-proċessjonijiet li kienu jsiru fil-parroċċa, u fosthom dawk tas-Santissimu Sagrament, tal-Madonna tar-Rużarju u taċ-Ċintura. Fi ftit kliem Franġisk kien regolari fid-dmirijiet reliġjuzi tiegħu u bniedem ta' fidi, soda.

Bla dubbju ta' xejn, kien ta' għajnuna għalih, biex tissaħħaħ l-ispiritwalita tiegħu, il-fatt, li huwa kien miktub

***Bijografija ta' Franġisk Portelli***

***miktuba minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi***







fit-Terz Ordni tal-Franġiskani Kapuċċini u flimkien ma' ħutu Nikol u Nardu, fir-raba' ħadd ta' kull xahar kienu jieħdu sehem fil-Quddiesa li kienet issir għat-terzjari, fil-knisja tal-Kapuċċini tar-Rabat, u flimkien jirreċitaw it-talb preskritt mir-regola tat-terz Ordni Franġiskan. Obbligi oħra li kienet timponi din ir-regola, u li Franġisk kien assidwu għalihom u jħarishom b'reqqa kbira, kienu:

(a) li jirreċitaw ta' kuljum l-Uffiċċju jew xi talb ieħor,

(b) jieħdu sehem fil-Quddiesa ta' kuljum, meta jkunu jistgħu,

(c) kull xahar jersqu għas-sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin

(d) jagħmlu ta' kull fil-għaxija l-eżami tal-kuxjenza u jindmu minn ħtijiethom,

(e) qabel u wara l-ikel, isejħu bit-talb lil Alla, u jroddulu ħajr.

Skond ix-xhieda ta' xi qassisin, id-devozzjoni ta' Franġisk lejn il-Madonna, barra mill-ħajja privata tiegħu, kienet tidher wkoll fil-funzjoni jew ċelebrazzjoni żgħira li kienu jorganizzaw fil-festi tal-Madonna, bħalma huma l-Lunzjata u l-Kandlora; hu flimkien ma' Karmni Grima daqqa fid-dar tiegħu u drabi oħra fid-dar tagħha. Din kienet tkun laqgħa devota li fiha, jgħidu r-Rużarju u talb ieħor lill-Madonna, u jkantaw xi kant tagħha. Għal din il-funzjoni kienu jkunu mistiedna diversi nies mir-raħal u xi drabi kienu jkunu preżenti wkoll xi qassisin. Dawn il-laqgħat ta' talb f'ġieħ il-Madonna, kienu jixbħu lil dawk li jsiru mill-*prayer groups* ta' żminijietna.

Franġisk kellu wkoll id-drawwa sabiħa li jżur il-knejjes u l-kappelli tal-Madonna u jitlob fihom; mhux biss il-knisja parrokkjali intitolata lill-Viżitazzjoni tal-Verġni Mbierka iżda wkoll il-knisja taż-Żejt, iddedikata lill-istess Misteru kif ukoll il-knisja tal-Kapuċċini tal-Madonna tal-Grazzja u xi drabi anki l-Kappella Ta' Pinu.

Id-devozjoni ta' Franġisk lejn il-Madonna miqjuma f'din il-kappella, kompliet issaħħet u kibret wara li f'Ottubru tal-1886 ġara il-fejqan straodinarju ta' Ċensa Portelli, jiġifieri ommu. Peress li din ix-xwejħa, minħabba marda tal-qalb kienet waslet f'xifer il-qabar, uliedha Franġisk, Nikola u Nardu marru jżuru l-kappella Ta' Pinu, u wara li qalu r-Rużarju għall-fejqan ta' ommhom, għamlu wegħda li jekk tfieq, huma jdendlu lampier quddiem ix-xbieha tal-Madonna u li kull meta jkunu jistgħu joffru ż-żejt biex iżommuh mixgħul. L-għada, ommhom bdiet ġejja għat-tajjeb, u wara ftit taż-żmien qamet mis-sodda u rnexxielha tgħix għal sentejn u nofs oħra. Iżda, ir-rabta speċjali li għandu Franġisk mal-Madonna Ta' Pinu, hija dik li huwa ġie magħżul minnha sabiex ikun wieħed miż-żewġ messaġġiera tad-

devozzjonijiet li Hija riedet ixxandar minn dan is-Santwarju tagħha.



Madwar xi sentejn wara li Karmni Grima, kienet semgħet il-leħen tal-Madonna Ta' Pinu, u l-istedina li għamlitilha, għad li għal ċertu żmien kienet żammet moħbija din il-ġrajja, issa tħajret tafda dan is-sigriet lil Franġisk għax kienet tafu bħala raġel mogħti għall-ħajja devota. Huwa wera ruħu kuntent ħafna b'dak li qaltlu, imma ma żied xejn iktar. F'okkażjoni oħra, pero`, mistoqsi minn Karmni jekk kienx sema' huwa wkoll xi ħaġa straordinarja f'dik il-knisja, wiegeb li *"Iva, għal madwar sitt darbiet huwa kien sema' b'mod sensibbli l-leħen tal-Madonna li rrikmandatlu d-devozzjoni lejn il-pjaga tal-ispalla tal-Iben Divin tagħha, li kienet saritlu bit-toqol tas-salib, waqt li kien iġorru għall-Kalvarju."*



Fit-23 ta' Marzu 1887, quddiem l-Arċipriet Debrincat, Franġisk irrakkonta l-istorja tal-fejqan ta' ommu Ċenza Porteli u stqarrlu wkoll li waqt li kien fil-kappella ta' Pinu, aktar minn darba, sema' leħen igħidlu: *"Ħabrek biex tkun devot lejn il-pjaga ta' l-ispalla ta' Ibni li kienet magħmula mis-salib, waqt li kien tiela' għall-Kalvarju, u ħabrek ħalli anke l-oħrajn ikollhom l-istess devozzjoni."*

Franġisk miet fl-4 ta' Frar 1926. Il-fdalijiet tiegħu, wara li damu għal xi żmien midfuna fil-knisja kolleġġjata ta' l-Għarb, fil-qabar li kien iġib in-numru 29, fis-19 ta' Marzu 1976 ġew trasportati għall-knisja ta' Pinu u midfuna fil-kappella tal-Kunċizzjoni. Il-qabar ta' Franġisk Portelli huwa indikat b'lapida żgħira bil-kelmiet: ***"Taħt il-Ħarsien ta' l-Omm ta'Alla, l-Mqaddsa Verġni Marija jistrieħ hawn il-Fdal ta' Franġisk Portelli"*** ♦



## MONUMENT LIL FRANĠISK PORTELLI

Bħalissa l-kumpanija Domus Dei ta' l-Italja qed taħdem fuq il-monument tal-bronż ta' Franġisk Portelli. Dan il-monument huwa xogħol ta' l-iskultur il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.

L-istatwa turi lil Franġisk Portelli miexi lejn is-Santwarju Ta' Pinu bil-kuruna tar rużarju f'idu l-leminija, waqt li f'idu x-xellugija qed iżomm xbieha tar-Redentur. Dan biex ifakkarna fil-messaġġ li ħallietlu l-Madonna Ta' Pinu: *"Ħabrek biex tkun devot lejn il-pjaga ta'l-ispalla ta'Ibni, li kienet magħmula mis-salib, waqt li kien tiela' għall-Kalvarju, u ħabrek ħalli anke l-oħrajn ikollhom l-istess devozzjoni."*

Din l-istatwa ser titpoġġa fil-ġnien li jinsab fil-bidu taz-zuntier tas-Santwarju, fejn ġa jinsabu l-monumenti ta' Karmni Grima u Frenċ ta' l-Għarb.

# TIMBRU SPEĊJALI MILL-MALTAPOST




B'tifkira tal-125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu lil Karmni Grima u lil Franġisk Portelli, il-MaltaPost p.l.c. ħasbet biex tfakkar dan l-anniversarju b'timbru speċjali.

Dan it-timbru ġie ddisinjat mis-Sur Anthony Grech, membru tal-Gozo Philatelic Society. Uffiċċjal tal-MaltaPost, nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 2008, kien fis-sagristija tas-Santwarju Ta' Pinu u kull min xtaq seta' jakkwista dan it-timbru ta' l-okkażjoni.

Għalhekk, is-Santwarju Ta' Pinu flimkien mal-Gozo Philatelic Society ħarġu kartolina ta' tifkira. Il-kartolina ġiet stampata u nnumerata f'edizzjoni limitata ta' 1000 kopja, li nbigħu kollha fl-istess ġurnata li ngħata t-timbru.

L-istampa ta' din il-kartolina tirrappreżenta lil Karmni Grima u lil Franġisk Portelli sejrin lejn il-Kappella Ta' Pinu. Din il-pittura saret apposta għal dan il-għan mill-Kav. Paul Camilleri Cauchi.

*Nixtiequ nirringrazzjaw lill-voluntiera u lill-benefatturi kollha li taw sehemhom matul dawn il-festi.*

*Grazzi ukoll lill-Morda kollha li bit-talb u bis-sofferenzi tagħhom kienu mezz biex iċ-ċelebrazzjonijiet li saru ħallew frott spiritwali kbir.*

***Il-Madonna Ta' Pinu tkompli żżomm il-ħarsa materna tagħha fuqkom.***


IT-12 Sena
Velja ta' l-Għid ta' l-Assunta
• KANT U SALMI
• QUDDIESA TAL-VĠILI
• LEJL ADORAZZJONI EWKARISTIKA
Santwarju Ta' Pinu
Il-Ħamis, 14 t'Awissu 2008
8.30 - 10.30 p.m.
Trasport mill-Parroċċi ta' Għawdex
Trasport minn Malta organizzat minn Radju Marija - tel 21453105
Xandira diretta fuq Radju Marija 102.3 FM u 107.8 FM












**"Aħna llum, nsara miż-żewġ Djoċesijiet ta' Malta u Għawdex, ġejna pellegrinaġġ lejn dan is-Santwarju Nazzjonali.**

**Aħna ġejna għaliex ħassejna li għandna nfakkru b'radd ta' ħajr u bi stagħġib dak li ġara 125 sena ilu."**

**Mill-Omelija ta' Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta**
**22 ta' Ġunju 2008**

NEWSPAPER POST